# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 424/2012 JVC**

**Malta Dental Technologists Association rapprezentata minn John Salomone Reynaud (ID no. 756753M) u l-istess John Salomone Reynaud f'ismu proprju**

**vs**

**Supretindent tas-Sahha Pubblika u Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Osama Ebeid ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi wiehed mill-ghanijiet tal-Malta Dental Technologists Assocation huwa li jizgura illi Clinical Dental Technologists f'Malta jinghataw gharfien u l-pozizzjoni taghhom tigi regolarizzata mhux biss vis-a-vis l-awtoritajiet tas-sahha f'Malta, izda wkoll vis-a-vis is-sistema f'Malta.

2. Illi l-Malta Dental Technologists Association kienet ilha tipprova matul diversi snin biex tintroduci kors fl-Universita ta Malta, sakemm irnexxielha, li jwassal ghal karriera bhala "Dental Technologist". Ghal din ir-raguni, l-ghan prezenti taghha huwa li tassigura li dawk kollha li jiggradwaw mill-Universita' ta' Malta ikollhom l-opportunita li jkomplu bl-istudji taghhom sabiex jikkwalifikaw bhala "Clinical Dental Technologists" (f'Malta jew barra minn Malta) sabiex il-pazienti jgawdu access ghal servizzi godda li fil-prezent jew m'humiex regolarizzati. Dan ifisser illi tkun disponibbli ghall-pazjenti l-possibilita ta' removable oral appliances' (dentures) skont il-htigijiet u l-ghazliet taghhom.

3. Illi l-policy fil-pajjizi ta' l-Unijoni Ewropeja tinkludi caqlieq liberu u stabbiliment tas-servizzi (free movement and establishment of services) kif ukoll moviment liberu tal-haddiema professjonisti free movement of workers/ professionals). Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropeja

tiffavorixxi l-kompetizzjoni hielsa u t-titjieb fis-servizzi tas-sahha bhala rizultat ta' caqlieq transkonfinali (cross border movement) u l-politika ta' suq wiehed (single market policy).

4. Illi Clinical Dental Technologists huma esperti fil-qasam ta' 'dental appliances' u ghalhekk huma kapaci mhux biss li jiddedikaw attenzjoni specjali fir-rigward tal-forma, manifattura u disinn ta' tali 'dental appliances', izda wkoll li jipprovdu lill-pazjenti taghhom bi stabbilita' tad-dentiera, f'iqsar zmien. Similment, is-servizzi taghhom igibu kompetizzjoni sana bi spiza aktar vantaggjuza ghal 'removable oral appliances' u dan ghall-beneficcju tal-pazjent/ klijent/ 'end-user'.

5. Illi l-qasam tal-prattika ta' Clinical Dental Technologists jinkludi l-manifattura ta' dentieri, il-manifattura ta' snien foloz, xoghlijiet ohra ancillari bhal tiswijiet, zidiet u alterazzjonijiet lil dentieri. Dejjem kienet ir-regola li jekk Clinical Dental Technologist jiltaqa' ma' kundizzjoni patologika jew difett patologiku, huwa jew hija tirreferi l-pazjent ghand dentista qabel ma timmanifattura d-dentiera jew 'dental prosthesis' direttament ghall-pazjent.

6. Illi d-Direttiva 2005/36/EC tiggarantixxi lill-persuni li jkunu kisbu l-kwalifiki professjonali fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja li jkollu access ghall-istess professjoni u li jezercitaha fi Stat Membru iehor u dan bl-istess drittijiet bhal professjonisti nazzjonali.

7. Illi bil-ghan li jigi assigurat futur ahjar ghal dawk kollha li jikkwalifikaw bhala Clinical Dental Technologists sabiex jiccaqilqu minn Stat ghall-iehor u joffru s-servizzi taghhom li jkunu rikonoxxuti mill-Istat Membru tal-Unioni Ewropeja, hu mehtieg illi Clinical Dental Technologists jinghataw gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta u li l-professjoni taghhom tinghata gharfien ukoll barra minn Malta. B'dan il-mod biss jistghu jkunu liberi li jiccaqilqu minn pajjiz ghall-iehor tal-Unjoni Ewropeja u jipprovdu s-servizzi taghhom f'dawn il-pajjizi.

8. Illi recentement l-ewwel intimat permezz tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina gharraf lil applikant minn Stat Membru iehor illi l-professjoni ta' Clinical Dental Technician mhix rikonoxxuta mill-imsemmi Kunsill hawn Malta.

*9.* Illi l-ghan ahhari tal-Malta Dental Technologists Association u ta' assocjazzjonijiet ohra barra minn Malta fi hdan l-International Federation of Denturists huwa li jigi assigurat illi Clinical Dental Technologists ikunu regolati u jinghataw gharfien mill-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropeja, konformement mal-policies dikjarati tal-Unjoni Ewropeja fuq caqlieq ta' servizzi u haddiema *(free movement of services and workers).*

10. Illi Clinical Dental Technologists urew matul il-kors tas-snin illi qatt ma kienu ta' theddida ghas-Sahha Pubblika.

11. Illi filwaqt li fir-rigward ta′ certi oqsma ohra tal-kura tas-sahha jista′ jkun gustifikat illi xi ghamla ta' servizzi tkun riservata ghal persuni li jappartjenu lill-professjoni medika, per ezempju, certi servizzi relatati mal-kura ta′ l-ghajnejn, ghar-raguni li jekk tali servizz ma jigix moghti kif ghandu jkun u konformement ma' standards medici stabbiliti l-pazjent ȋista' ȋigi espost ghal hsara irriversibbli (e.g. isofri hsara serja fil-vista tieghu), fil-kaz ta' Clinical Dental Technologists bhala Allied / Oral Health Care Professionals, dan ir-riskju huwa inezistenti ghas-semplici raguni ili jekk dentiera tkun difettuza, l-unika konsegwenza tkun li dik id-‘dental appliance' difettuza tkun trid tigi aggustata jew mibdula. Ghal dina r-raguni, id-Direttiva 2005/36/EC fuq ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali, filwaqt li tippermetti li xi Stati Membri jimponu certi restrizzionijiet ghal ragunijiet ta' protezzjoni lill-komsumatur u a sodisfazzjon tal-pazjent anki fil-kaz ta' 'oral health care professionals', din ma tapplikax ghal Clinical Dental Technologists.

12. Illi meta l-intimati gew interpellati bit-talbiet gudizzjarji tar-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali, il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghal-Medicina, ma rrispondiex, filwaqt li s-Supretendent tas-Sahha Pubblika rrespinga l-pretensjonijiet tar-rikorrent.

13. Illi filwaqt li s-Supretendent tas-Sahha Pubblika issa qed ighid li mhix il-mansjoni tieghu illi jemenda t-Tielet Skeda ta′ l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha, f′korrispondenza precedenti huwa kien tenna li "there is no indication to

establish Clinical Dental Technology as a separate regulated Health Care Profession distinct from Dental Technology as currently regulated under the Health Care Professions Act." (ittra datata 7 ta' Mejju 2008).

14. Illi l-Assocjazzjoni ma taqbilx ma' dan, l-istess kif ma taqbilx illi l-unit course fl-Universita jitnaqqas minn erbgha (4) ghal tliet (3) snin, u dan peress illi meta jitqies in-numru ta' sighat mehtiega ghal dan il-unit course, ma jkunx prattiku li jkun hemm tnaqqis b'sena u tinholoq diskrepanza materjali ma' allied health care professions ohra regolati mill-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) tordna lill-intimati sabiex jiehdu l-azzjoni mehtiega sabiex Clinical Dental Technologists maghrufa wkoll bhala Denturists jinghataw gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta;

(2) tordna lill-intimati sabiex jipprocedu bir-registrazzjoni ta' Clinical Dental Technologists minn Stati Membri ohra tal-Unjoni Ewropeja li japplikaw lokalment sabiex ikunu jistghu jezercitaw il-professjoni taghhom f'Malta;

(3) tordna illi dawk il-"Clinical Dental Technologists" li jezercitaw il-professjoni f'Malta u li huma wkoll membri tal-International Federation of Denturists ikunu

awtomatikament eligibbli ghal registrazzjoni mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta;

(4) tiddikjara illi Clinical Dental Technologists mhumiex necessarjament obbligati li jipprovdu s-servizzi taghhom biss wara li kaz jigi riferit lilhom minn dentist.

(5) tiddikjara illi l-unit course fl-Universita' m' ghandux jitnaqqas minn erbgha (4) snin ghal tliet (3) snin hlief b' sentenza tal-Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti. Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Supretendent tas-Sahha Pubblika li taqra kif isegwi:

1. Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors mahluf stante li r-rikors ma fihx tifsira b'mod car u sewwa ta' l-oggett tal-kawza, kif rikjest mil-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet Malta;

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi, ghar-rigward ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tar-rikorrenti, u in kwantu sabiex jintlaqghu dawn it-talbiet jkun hemm bzonn bidla fil-ligi vigenti, l-intimat mhuwiex il-legittimi kuntradittur;

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi, ghar-rigward tal-hames talba tar-rikorrenti, l-intimat

mhuwiex il-legittimu kuntradittur stante illi intimat mhuwiex reponsabbli ghat-tfassil tal-kontenut ta' korsijiet offruti mill-Universita ta' Malta;

4. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-intimat dejjem agixxa skond il-ligi vigenti u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jigi milqugha;

5. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati stante illi, inter alia, ma hemm l-ebda ligi li tobbliga lill-intimat jaghmel dak li qed jintalab jigi ordnat jaghmel permezz tat-talbiet tar-rikorrenti;

6. Subordinatament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina li taqra kif isegwi:

1. Illi preliminarjament, il-Kunsill esponenti mhuwiex legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna, u dan stante illi t-talbiet attrici mressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti effettivament jirrikjedu (fil-kaz dejjem illi jkunu milqugha), tibdil fil-provvedimenti tal-ligi illi jirregolaw il-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina, u cioe' il-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll il-Legislazzjoni Sussidjarja 464.10 illi tikkontjeni 'Regolamenti li jaghmlu Ordnijiet Permanenti ghall-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina'.

Illi ghandha tingibed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lejn il-fatt illi mhux kompitu tal-Kunsill esponenti illi jeffetwa t-tibdil jew varjazzjoni fil-ligi fuq indikata. Ir-rwol illi jista' ghandu l-Kunsill f'dan ir-rigward u cioe' l-ghoti tar-rakkomandazzjoni tieghu, huwa rwol limitat ghall-ahhar u bl-ebda mod ma huwa ta' natura determinanti.

Illi minn barra dan, issir referenza partikolari ghall-hames talba attrici illi tikkoncerna t-tnaqqis fiz-zmien tal-'unit course fl-Universita' ta' Malta minn erba' (4) ghal tlett (3) snin. Jigi osservat illi lanqas it-tfassil tal-korsijiet universitarji ma jaqa' fil-kompitu tal-Kunsill esponenti, u dan stante illi l-istess Kunsill ghandu wkoll rwol limitat f'dan ir-rigward. Hekk fil-fatt il-Kunsill hawn imsemmi huwa involut biss billi dan jaghti l-approvazzjoni tieghu fil-kaz illi jkun ser isir xi tibdil f'kors universitarju hekk kif hawn indikat. Jerga' jigi reiterat illi ma huwiex kompetenti l-Kunsill esponenti illi jiehu decizjonijiet ta' natura finali f'dan ir-rigward. Jinghad ukoll b'referenza partikolari ghall-kontenut tal-hames talba attrici, illi r-rwol tal-Kunsill esponenti u l-approvazzjoni illi huwa ghandu l-poter illi jaghti jew jichad f'dawn ic-cirkostanzi, mhuwiex inkluz u bl-ebda mod ma huwa indikat fit-talbiet attrici.

In visto tas-suespost ghalhekk jigi umilment sottomess illi ma ghandu jkollha l-ebda dubju din l-Onorabbli Qorti dwar il-fatt illi l-Kunsill esponenti mhuwiex legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna, u ghaldaqstant, l-istess Kunsill esponenti ma ghandux jirrispondi ghat-talbiet imressqa mill-atturi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan stante illi l-Kunsill

esponenti dejjem segwa il-provvedimenti tal-ligi illi jirregolaw propju l-gharfien tal-professjonijiet kumplimentari ghall-medicina. Fil-verita' l-professjoni ta' Clinical Dental Technologist ma hijiex inkluza fl-imsemmija provvedimenti, u dan fil-fatt propju jikkostitwixxi r-raguni a bazi ta' liema gie ntavolat ir-rikors promotur da parti tal-atturi.

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn espost, tingibed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti lejn il-fatt illi l-professjoni ta' Clinical Dental Technologist mhix inkluza ma' dawk il-professjonijiet regolati taht il-Kodici ta' Etika relevanti u prezentement vigenti, u cioe 'Code of Professional and Ethical Conduct for Dental Technologists'. Hekk ukoll il-Code of Practice - Dental Technology' jistipula b'mod car fl-Ewwel Regolament illi 'All registrants must...(e) abide by the prescription issued by the dentist'.

Illi b'referenza ghar-raba' talba ghalhekk, hekk kif kontenuta fir-rikors promotur, jinghad illi l-atturi qeghdin permezz tal-istess talba, propju jippretendu illi din l-Onorabbli Qorti taghti ordni illi sahansitra evidentement tmur a kuntrarju ta' dak istipulat fil-kodici illi jirregolaw il-principji tal-etika u tal-prattika tal-professjoni ta' Dental Technologists.

Illi jinghad ukoll f’dan ir-rigward illi filwaqt illi huwa l-Kunsill esponenti illi ghandu s-setgha illi jeffetwa t-tibdil fil-fuq imsemmija Kodici, l-istess tibdil ma jistax isehh minghajr l-approvazzjoni u s-sanzjonar min-naha tal-Awtorita'. Jigi ghalhekk reiterat illi r-raba' talba mressqa mill-atturi certament ma tistax titqies bhala accettabbli minn din l-Onorabbli Qorti, u dan ukoll in

vista tal-fatt illi ma sareț ebda talba da parti tal-atturi sabiex fil-fatt jigi effettwat it-tibdil fil-kodici relevanti, liema tibdil huwa evidentement necessarju illi jsir fil-kaz illi t-talbiet attrici l-ohra kellhom jigu milqugha.'

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 27 ta' Settembru, 2012 a fol. 31 et seq tal-process fejn talbu lill-Qorti diversament preseduta sabiex issir referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2005/36/EC u allegat ksur tal-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Rat ir-risposta tas-Superintendent tas-Sahha Pubblika a fol. 39 et seq tal-process u n-nota responsiva datat 31 ta' Ottubru 2021 a fol. 52 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tas-26 ta' Frar, 2013 giet irtirata l-ewwel eccezzjoni tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika a fol 12 tal-process;

Rat illi permezz ta' digriet datat 22 ta' Ottubru, 2015 din il-Qorti diversament preseduta ssospendiet l-ghoti ta' digriet dwar ir-referenza preliminari sabiex jigu l-ewwel decizi l-eccezzjonijiet dwar il-legittimu kontradittur mqajjma mill-intimati.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta datata 12 ta' Jannar, 2016 dwar l-eccezzjoni sollevata miz-zewg intimati rispettivament fejn eccepew li mhumiex il-legittimi kontradditturi ghat-talbiet odjerni fejn gie deciz kif isegwi:

'tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-intimati li mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza limitatament ghall-hames (5) talba attrici u b'hekk tilliberahom mill-osservanza tal-istess, tichad l-istess eccezzjoni minnhom sollevati fir-rigward tat-talbiet l-ohra.'

u dan ghar-raguni li dik il-Qorti kkonkludiet li l-intimati ghandhom inizjattiva u sehem attiv fid-decizjoni tal-Gvern jekk ghandux jemenda l-ligi jew le. Dwar is-Surpetendent intimat inghad ukoll li l-irwol tieghu huwa li jirraprezenta l-Gvern u ghalhekk zgur li huwa l-legittimu kontradittur. Dwar il-hames talba dik il-Qorti sostniet li t-tfassil tal-korsijiet universitajri ma jaqghux fl-ambitu tal-intimati u ghalhekk l-intimati mhumiex il-legittimi kontradditturi.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 23 ta' Frar, 2016 (fol. 281 et eq tal-process) fejn giet milqugha t-talba sabiex issir referenza preliminari lill-Qorti tal-Gustizzja kif isegwi:

'Fid-dawl tal-premess, il-Qorti qed tilqa' t-talba maghmula mill-Assocjazzjoni rikorrenti sabiex issir referenza preliminari fit-termini tal-artikolu 267 tal-TFEU fis-sens kif hawn imfisser u qed tirreferi s-segwenti mistoqsijiet lill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU). Hawnhekk il-Qorti tinnota li l-punt ewlieni li qed tishaq fuqu l-Assocjazzjoni hija li ma hemm l-ebda periklu ghas-sahha pubblika. Din it-tema hija konsistenti fil-mistoqsijiet li huma ssuggerew lil din il-Qorti, li mhux kollha gew akkolti sabiex jigu trasmessi lill-CJEU.

**Mistoqsijiet:**

1. Jekk il-projbizzjoni tal-Awtoritajiet tas-Sahha f'Malta, ossia ir-rifjut taghhom li jaghtu gharfien lill-professjoni ta' Clinical Dental Technologists/Denturists minnkejja li ma hemmx diskriminazzjoni fil-Ligi izda fil-prattika, applikanti minn Stati Membri ohra qed jigu projbiti li jistabbilixxu l-professjoni taghhom f'Malta hija inkompatibbli mal-principji u disposizzjonijiet tal-holqien tas-Single Market, partikolarment kif jemanu mill-artikoli **49 TFEU, 52 TFEU u 56 TFEU** meta ma hemmx periklu ghas-sahha pubblika.

2. Jekk **id-Direttiva 2005/36/EC** tal-Parlament Ewropew u talKunsill tas-7 ta' Settembru 2005, imsejha l-Professional Qualifications Directive, ghandhiex tigi applikata fir-rigward ta' Clinical Dental Technologists peress illi jekk dentiera tkun difettuza, l-unika konsegwenza tkun li dik id-'dental appliance' difettuza tkun trid tigi aggustata jew mibdula, minghajr l-ebda periklu ghall-pazjent.

3. Jekk il-projbizzjoni tal-Awtoritajiet tas-Sahha f'Malta li qieghda tigi kkontestata ma tistax isservi biex tassigura lobjettiv li jkun hawn livell gholi ta' harsien tas-sahha pubblika peress li kull dentiera difettuza tista' tigi mibdula minghajr l-ebda periklu ghall-pazjent.

4. Jekk hux qed jigi vvjolat il-principju tal-proporzjonalita' minhabba l-mod kif il-konvenut Superintendent tas-Sahha Pubblika qed jinterpreta u jenforza d-Direttiva 2005/36/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 fir-

rigward ta' Clinical Dental Technologists li japplikaw ghal rikonoxximent mill-istess Awtoritajiet tas-Sahha f'Malta.

Ghaldaqstant tordna lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex jikkomunika lir-Registru tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea (CJEU) permezz ta' posta registrata, d-Digriet tallum sabiex il-kwistjonijiet preliminari jigu decizi minn dik il-Qorti skont id-dettami tal-Artikolu 267 tal-TFEU u tar-Regolamenti Procedurali tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Istatut tal-istess Qorti.'

Rat l-atti tar-Referenza inkluz l-opinjonijiet ta' diversi Stati Membri fejn uhud minnhom issottomettew li l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku ghandha tigi eskluza mill-applikazzjoni tad-Direttiva ghaliex filwaqt li Tekniki Dentali jahdmu taht is-supervizjoni tad-Dentist, il-Tekniki Dentali Kliniki jahdmu b'mod awtonomu w'ghalhekk mhumiex l-istess, filwaqt li ohrajn issottomettew li kellha tkun inkluza ghaliex il-professjoni ta' Tekkiku Dentali Kliniku u ta' Tekniku Dentali Kliniku huma l-istss professjoni fis-sens tal-artikolu 4 tad-Direttiva 2005/36/KE. Rat ukoll l-opinjoni tal- Kummissjoi Ewropea a fol. 392 et seq tal-process. Rat ukoll il-konkluzjonijiet tal-Avukat Generali a fol. 410 et seq tal-process.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea datata 21 ta' Settembru, 2017 a fol. 432 et eq tal-process.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat l-1 ta' April, 2019 li permezz tieghu gie ordnat l-isfilz ta' uhud mid-

dokumenti esebiti mir-rikorrenti permezz ta' nota tat-18 ta' Dicembru, 2017.

Rat ukoll digriet iehor datat l-1 ta' April, 2019 fejn din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba sabiex il-kontro-ezami tax-xhud Professur Nikolai Attard ikompli quddiem il-Qorti u mhux quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat li fis-seduta ta' nhar is-16 ta' Novembru, 2011 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti.
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

**Fatti fil-Qosor:**

Illi permezz tar-rikors promotur, il-Malta Dental Technologists Association(MDTA), qed tfittex li jinghata gharfien lill-Tekniki Dentali Kliniki maghrufa wkoll bhala 'Denturists', u li l-posizzjoni taghhom tigi regolarizzata mill-Awtoritajiet tas-Sahha f'Malta u, in segwitu, qed titlob li l-intimati jigu ordnati biex jipprocedu ghar-registrazzjoni tat- Tekniki Dentali Kliniki rikonoxxuti bhala tali fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea sabiex jkunu jistghu jezercitaw il-professjoni taghhom f'Malta. In oltre l-Assocjazzjoni qed titlob li dawk it-Tekniki Dentali Kliniki li jezercitaw il-professjoni taghhom f'Malta jkunu awtomatikament eligibbli ghar-registrazzjoni mill-Awtoritajiet tas-Sahha f'Malta. L-Assocjazzjoni qed tfittex dikjarazzjoni li Tekniku Dentali Kliniku jista' jezercita l-

professjoni tieghu/taghha minghajr il-htiega ta' riferenza minn dentist.

Fir-rikors guramentat l-MDTA rikorrenti tippremetti ukoll li l-professjoni ta′ Tekniku Dentali Kliniku ghandha tinghata gharfien u b'dan il-mod biss jistghu jkunu liberi li jiccaqilqu minn pajjiz ghall-iehor tal-Unjoni Ewropea u jipprovdu s-servizzi taghhom f′ dawn il-pajjizi. Fil-prezent, dan mhux il-kaz. L-intimati qed jirrifjutaw li jaghtu dan l-gharfien u l-posizzjoni hija imfissra f'korrispondenza mibghuta mis-Superintendent lill-MDTA fejn tenna li:

"there is no indication to establish Clinical Dental Technology as a separate regulated Health Care Profession distinct from Dental Technology as currently regulated under the Health Care Professions Act." (ittra datata 7 ta' Mejju 2008).

Ippremettew ghaldaqstant li dan kollu jmur kontra l-principju tal-moviment hieles tas-servizzi (free movement and establishment of services) kif ukoll moviment hieles tal-haddiema/professjonisti (free movement of workers/professionals) u r-rikonoxximent reciproku ta' kwalifiki professjonali. Barra minn hekk izidu li l-Unjoni Ewropea tiffavorixxi l-kompetizzjoni hielsa u t-titjib fis-servizzi tas-sahha bhala rizultat ta' caqlieq transkonfinali (cross border movement) u l-politika ta' Direttiva 2005/36/EC li tiggarantixxi lill-persuni li jkunu kisbu l-kwalifiki professjonali fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jkollhom access ghall-istess professjoni u jezercitawha fi Stat Membru iehor u dan bl-istess drittijiet bhal professjonisti nazzjonali.

Permezz tal-hames talba jitolbu wkoll li din il-Qorti tiddikjara li l-kors tad-Dental Technologists fl-Universita' m'ghandux jitnaqqas minn kors ta' erba' snin ghal wiehed ta' tlett snin.

L-intimati jopponu ghat-talbiet dedotti fil-kawza kif ukoll fir-rikors odjern. Isostnu li hemm bzonn tibdil fil-ligi sabiex it-talbiet jigu milqugha u li huma mhux il-legittimi kontradituri. L-eccezzjonijiet tal-legittimi kontradituri kif gia espost gia gew decizi minn din il-Qorti diversament preseduta b'dan li gew michuda ghajr ghal dik li hi l-hames talba li titlob li din il-Qorti tiddikjara li l-unit course fl-universita` m'ghandux jitnaqqas minn erba' (4) snin ghal tliet (3) snin hlief b'sentenza tal-Qorti. Jirrizulta ghalhekk li kemm dawn l-eccezzjonijiet kif ukoll il-hames talba tar-rikorrenti llum huma sorvolati. Jonqos li jigu decizi t-talbiet u l-eccezzjonijiet rimanenti.

Illi dwar ir-retroxena fattwali, huwa pacifiku bejn il-kontendenti li Tekniki Dentali Kliniki ma jinghatawx gharfien mill-Awtoritajiet tas-Sahha Maltin u ma jistghux jezercitaw din il-professjoni f'Malta imma huma biss it-Tekniki Dentali li huma hekk rikonoxxuti u registrati. Jirrizulta pacifiku wkoll li l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku mhijiex inkluza u rikonoxxuta bhala professjoni fil-provvedimenti tal-ligi illi tirregola l-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina, u cioe' l-Att Dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll il-Legislazzjoni Sussidjarja LS 464.10 illi tikkontjeni 'Regolamenti li jaghmlu Ordnijiet Permanenti ghall-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina'. Lanqas hu kkontestat id-definizzjoni tal-professjoni ta' 'Clinical Dental Technician' ossia 'Denturist' kif deskritt fir-rikors promotur fis-sens li huma esperti

fil-qasam ta' 'dental appliances' li jinkludi l-manifattura ta' dentieri, il-manifattura ta' snien foloz, xoghlijiet ohra ancillari bhal tiswijiet, zidiet u alterazzjonijiet ta' dentieri, u 'dental prosthesis' direttament ghall-pazjent.

Illi qabel l-intavolar tar-rikors odjern u wkoll fil-mori jirrizulta li kien hemm rifjut da parti tal-Kunsill intimat ta' applikazzjonijiet maghmula minn persuni kwalifikati bhala Tekniki Dentali Kliniki f'pajjizi ohra fl-Unjoni Ewropea sabiex jigu registrati bl-iskop li jkunu jistghu jipprattikaw il-professjoni taghhom f'Malta bhala Tekniki Dentali Kliniki. Il-pretensjoni tal-MDTA rikorrenti hija li l-klijent jista' jitlob is-servizzi tat-Tekniku Dentali Kliniku direttament minghajr li jkun mehtieg lid-dentist bhala intermedjarju. Ir-rikorrenti jemfasizzaw illi li jinghataw gharfien bhala Tekniki Dentali mhux bizzejjed ghaliex l-istharrig, l-'expertise' u l-kwalifiki ta' Tekniki Dentali Kliniki jeccedi dak ta' Tekniki Dentali. Il-premessa fondamentali tar-rikorrenti hija mibnija fuq dik tal-principju tal-moviment hieles ta' servizzi u professjonijiet, partikolarment b'referenza ghall-'Professional Qualifications Directive' tal-Unjoni Ewropea (2005/36/EC) li tiggarantixxi li persuni li jkunu kisbu kwalifiki professjonali fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jkunu jistghu jezercitaw il-professjoni taghhom f'Malta. Fil-kors tal-proceduri odjerni, l-Assocjazzjoni rikorrenti elenkat diversi termini ohra li jintuzaw b'riferenza ghat-Tekniki Dentali Kliniki u cioe' "Denturologist/Dental Prosthetist/Dental Protetik/ Clinical Dental Technologist//Kliniske Tandteknickere/ Erikoishammasteknikko/ Specialised Dental Technician/Tandprothetici/Zubnych Protetikov (fol 15).

Effettivament jirrizulta mir-'Regulated Professions Database' tal-Kummissjoni Ewropea (kif gia rikonoxxut minn din il-Qorti diversament preseduta fid-decizjoni preliminari), li 'Clinical Dental Technicians/Denturists' jinghataw gharfien ghall-fini tad-Direttiva 2005/36/EC ukoll fl-Awstrija, Belgju, Bulgarija, Kroazja, Cipru, Finlandja, Franza, Germanja, Grecja u fl-Ungerija.

Ir-rikorrenti targumenta li fir-rigward ta' certi oqsma ohra tal-kura tas-Sahha jista' jkun gustifikat illi xi ghamla ta' servizzi tkun riservata ghal persuni li jappartjenu lill-professjoni medika, per ezempju, certi servizzi relatati mal-kura tal-ghajnejn, ghar-raguni li jekk tali servizz ma jigix moghti kif ghandu jkun u konformament ma' standards medici stabbiliti, l-pazjent jista' jigi espost ghal hsara irriversibbli (e.g. isofri hsara serja fil-vista tieghu). Madanakollu fil-kaz ta' Tekniki Dentali Kliniki bhala 'Allied/Oral Health Care Professionals' issostni li dan ir-riskju huwa inezistenti ghas-semplici raguni illi jekk dentiera tkun difettuza, skont ir-rikorrenti l-unika konsegwenza tkun dik li d-'dental appliance' difettuza tkun trid tigi aggustata jew mibdula. Ir-rikorrenti jaghmluha wkoll cara li t-talba tal-MDTA mhix biex Tekniki Dentali Kliniki jigi mgharuf bhala professjoni tas-sahha distint u separata minn dik ta' Tekniki Dentali imma, kif jirrizulta minn korrispondenza indirizzata lid-Direttur Generali tas-Sahha Pubblika (fol 115) huma talbu "to have Clinical Dental Technologist included in the Dental Technologists Registry of the CPCM."

**Provi:**

Il-Qorti rat l-affidavit ta' **Juliana Mifsud** fil-kapacita' taghha bhala Registratur tal-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina datat 7 ta' Dicembru, 2012 a fol. 56 tal-process. Fix-xiehda taghha kkonfermat li f'Awwissu u Dicembru 2009 l-Kunsill kien ircieva zewg applikazzjonijiet minn certi Marco Sarno u Mario Viveros sabiex jigu rikonoxxuti fil-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku. Hija kkonfermat li l-applikazzjoni taghhom giet rifjutata permezz ta' ittra li fiha nfurmawhom illi:

'l-Kunsill gharraf lill-persuni kkoncernati illi l-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentali ghall-Medicina huwa nkarigat sabiex jirregola tmintax-il professjoni relatati mas-sahha, izda l-professjoni ta' *Clinical Dental Technician'* mhix hekk inkluza.'

Ziedet li l-applikant seta' jitlob li jigi rikonoxxut bhala Tekniku Dentali. Rat ukoll id-dokumentazzjoni u cioe' korrispondenza annessa mal-istess affidavit.

Fl-affidavit ulterjuri ta' din ix-xhud a fol 74 et seq tal-process hija ikkonfermat li l-istess sehh bit-talba ta' certu Philip Tucker. Fl-ahhar paragrafu ta' dan l-affidavit tghid kif isegwi:

'6. Nikkonferma illi l-Kunsill irrisponda permezz ta' korrispondenza datata l-14 ta' Frar 2013, b'dan illi informa lil Philip Tucker illi filwaqt illi t-talba tieghu kienet giet hekk ikkunsidrata, il-Kunsill ghandu biss is-setgha skond il-ligi illi jirrikonoxxi u jirregistra dawk il-professjonijiet illi huma nkluzi fit-Tielet Sekda tal-Kapitolu 464 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Skeda tista' tigi biss mhassra, emendata jew sostitwita mil-ministru

responsabbkli ghas-sahha skond il-provvediment tal-Artikolu 51 tal-istess Kapitolu.'

Anki f'dan il-kaz gie nfurmat li jekk kien interessat seta' jitlob li jigi rikonoxxut bhala Tekniku Dentali.

Rat ix-xiehda ta' **David James** moghtija bil-lingwa Ingliza datata 26 ta' Frar, 2013 a fol. 63 A tal-process. Huwa jikkonferma li huwa 'Dental Tehnician' u li huwa cittadin Ewropew. Jghid ukoll li huwa membru fil-kumitat tal-Assocjazzjoni rikorrenti. Fix- xiehda tieghu huwa gie mitlub jiddistingwi bejn 'Dental Technician' u 'Denturist' u jixhed kif isegwi:

'A Dental Technician manufactures a range of dental appliances such as 'post-in-crowns' and 'bridges', also take appliances, 'cast stainless-steel dental frames' and 'removal of plastic denches'. During the cause of his career, a Dental Technician usually specializes in one or more of these areas. All of these appliances are constricted and are usually designed entirely by the Dental Technician, according to a request from a Dental Surgeon, and all, except 'removal of plastic denches', requires some degree of tooth preparation by the Dental Surgeon.'

'A Denturist who may also be turned a Clinical Dental Technician is a very experienced Dental Technician who specialized in the design and manufacture of the 'removal of plastic denches'. At no time will a Denturist modify a natural tooth in any way. If any modification is required, the Denturist will make the adjustments as necessary.'

Huwa jkompli jixhed li sa dak iz-zmien kien hemm diversi pajjizi tal-Unjoni Ewropea li accettaw il-professjoni ta' 'Denturist' filwaqt li kien hemm ohrajn kienu ghaddejjin bil-process li jbiddlu l-ligi. Jispjega izda li fil-kaz ta' Malta dan ma sarx anzi t-talba sabiex jigi rikonoxxuti giet rifjutata. Jispjega wkoll li fl-Universita' ta' Malta minn kors ta' erba' snin dan gie fi kliemu relegat ghal kors ta' tlett snin. Dwar jekk jistax ikun hemm periklu ghas-sahha pubblika bix-xoghol ta' 'Denturist' jixhed:

'No. There has never been a serious health issue recorded within the E.U. regard to practicing Denturists. The only possible situation to where this could be an issue is, at the very worst, maldiscomfort, which would be experienced by the patient due to a dental not fitting correctly. In this event, the dental is easily and quickly adjusted or, in a worst-case scenario, it would be remade.'

Rat l-affidavit ta' **John Salomone Reynau**d a fol. 48 et seq tal-process. Fih jghid li jokkupa l-kariga ta' President tal-Malta Dental Technologists Association rikorrenti u li jahdem bhala Tekniki Dentali. Jispjega li bhalissa il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina li ghandu reponsabbilta' sabiex jirregola numru ta' professjonijiet relatati mas-sahha pubblika fil-prezent jirregola tmintax-il professjoni u li wahda minnhom hija 'Dental Technology'. Jispjega li l-Kunsill qed jirrifjuta r-registrazzjoni ta' Tekniki Dentali Kliniki a bazi li r-registru disponibbli huwa dak ta' 'Dental Technology'. Izid li dan qed ixekkel ic-caqlieq transkonfinali fl-Unjoni Ewropea u l-moviment liberu tal-haddiem u tal-professjonisti. Jixhed fil-fatt li:

'Bhalissa ghandna sittwazzjoni fejn professjoni bhal din tezisti f'diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropeja, izda ma tinghatax gharfien u konsegwentement ma tezistix f'pajjiza.' (fol. 69)

Izid li dan huwa bi ksur tad-Direttiva 2005/36/EC li tiggarantixxi li persuni li jkunu kisbu l-kalwifiki professjonali fi Stat membru tal-Unjoni Ewropea, li jkollhom access ghall-istess professjoni u jezercitawha fi Stat Membru iehor u dan bl-istess drittijiet bhal professjonijiet nazzjonali.

Ir-rikorrenti ikompli jixhed li l-prattika ta' Tekniku Dentali Kliniku tinkludi l-manifattura ta' dentieri, il-manifattura ta' snien foloz, xoghlijiet ohra ancillari bhal tiswijiet, zidiet u alterazzjonijiet lil dentieri. Huma specjalisti fid-'dental appliances' u ghalhekk kapaci jiddedikaw attenzjoni specjali lill-forma, manifattura u disinn ta' tali 'dental appliance' izda wkoll jipprovdu lill-pazjent bi stabilita' tad-dentiera fi kliem ix-xhud 'f'iqsar zmien'. Izid li s-servizzi tat-Tekniki Dentali Kliniki igibu kompetizzjoni fis-suq bi prezzijiet ahjar ghal dawn is-servizzi li minnhom igawdi l-konsumatur.

Dan ix-xhud jispjega li:

'Dejjem kienet ir-regola li jekk Clinical Dental Technologist jiltaqa' ma' kundizzjoni patologika jew ma' xi difett patologiku, huwa/hija tirreferi l-pazjent ghand dentist qabel ma timmanifattura d-dentiera jew 'dental prosthesis' direttament ghall-pazjent.' (fol. 70)

Tul is-snin ghalhekk qatt ma kien hemm okkazzjoni fejn hareg li Tekniki Dentali Kliniki kienu ta' xi theddida ghas-sahha pubblika u dan ma hux kaz ta' hsara irriversibbli izda semplicement li tigi aggustata d-dentiera difettuza.

Izid li l-ghan ahhari tar-rikorrenti huwa li t-Tekniki Dentali Kliniki jkunu regolati u jinghataw gharfien mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea u b'hekk konformi mas-suq hieles anki fic-caqlieq tas-servizzi u haddiema.

Dwar l-eccezzjonijiet tal-legittimu kontradittur jixhed kif isegwi:

'18. Is-Superintendent tas-Sahha Pubblika issa qed ighid illi mhix il-mansjoni tieghu li jemenda t-Tielet Skeda ta' l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha, u ghalhekk qed joqghod lura milli jistqarr li huwa l-awtorita' kompetenti. Izda, f'korrispondenza precedenti mal-Malta Dental Technologists Association huwa kien tenna li "there is no indication to establish Clinical Dental Technology as a separate regulated Health Care Profession distinct from Dental Technology as currently regulated under the Health Care Professions Act" (ittra data 7 ta' Mejju 2008)

19. Il-Kunsill tal-Professjonijiet Kumplimentari ghall-Medicina ghandu rwol importanti anki fir-rigward tat-tfassil tal-'unit course' fl-Univerista' ta' Malta peress li ghandu s-setgha li jaghti jew ma jaghtix l-awtorizzazzjoni tieghu fil-kaz illi jkuns er isir xi tibdil fil-kors universitaru. Minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill tal-Professjonjiet Kumplimentari ghall-Medicina, l-Universita ta' Malta ma tistax taghmel tnaqqis il-kors b'sena, minn 4 snin ghal 3 snin. Dan aktar u aktar billi ser tinholoq diskrepanza materjali

(sena inqas minn korsjijiet pari mieghu li huma ta' 4 snin) bejn dan il-kors u dak ta' allied health care profession ohra regolati mill-istess Kunsill.' (fol. 71/72)

Ir-rikorrent **John Salamone Raynaud** jerga' jixhed a fol. 125 et seq tal-process fejn esebixxa seduta stante numru ta' dokumenti. Dawn id-dokumenti jikkonsistu f'numru ta' ittri bejn il-partijiet, estratti mill-minuti tal-Bord intimat, Rapporti annwali tas-CPCM u t-tielet skeda tal-ligi koncernata fejn jirrizulta li hija regolata u rikonoxxuta l-professjoni ta' 'Dental Technology'. Mid-dokument a fol. 129 tal-process jirrizulta li l-Bord intimat lura fl-14 ta' April, 1997 irrakomanda li 'Denturists' jibdew jithallew jirregistraw u jkunu distinti minn 'Dental Technologists'. Mill-minuti datatati 24 ta' Novembru, 1997 a fol. 131 tal-process jirrizulta li l-Bord gie informat mill-Kunsill tas-Sahha kif isegwi:

'Regarding Denturists, the Council of Health is not in a position to approve that they shall be registered and distinguished from dental technolgostis until trends regarding this matter are analysed.'

Sussegwenti ghal dan numru ta' talbiet sabiex jigu registrati 'Denturists' jew Tekniki Dentali Kliniki gew rifjutati bir-raguni moghtija tkun li l-ligi ma tkoprihomx.

Rat l-ittra tal-Kunsill intimat mibghutha lir-rikorrenti a fol. 158 tal-process datata 13 ta' Jannar, 2009 fejn ir-rikorrenti gie nfurmat kif isegwi:

'You are hereby informed that for the profession "Denturism or Clinical Dental Technology" to be recognized it has to be introduced by the Minsiter of Health through Legislation.

The Council has no power to regulate this profession.'

Rat il-korrispondenza u l-minuti sussegwenti minn fejn jirrizulta r-rifjut kontinwu li jsir rikonoxximent fil-ligi a bazi izda li l-Kunsill ma ghandux dan il-poter.

Rat li aktar tard fil-process gie esebit ukoll ir-rapport annwali tal-kunsill intimat ghas-sena 2014 (fol 208 et seq tal-process) minn fejn jirrizulta li fil-frattemp f'dik is-sena kienu zdiedu zewg professjonijiet ohra fir-registru u cioe' dik ta' 'Medical Physics' u 'Nutritional Therapy'.

A fol. 217 ergo jirrizulta wkoll dak li jsegwi:

'Bachelor of Science (Hyons) in Dental Technology, Faculty of Dental Surgery, University of Malta

The Council evaluated in detail the course contents of the Bachelor of Science (Hons) in Dental Technology which was being offered by the Faculty of Dental Surgery of the University of Malta, duration of 3 year full tima program vis-à-vis the previous programme which was over a 4 year full time course. Following several clarifications regarding certain modules with the Dean of the Faculty of Dental surgery, in April, the Council agreed that the Council was in a position to endorse the 3 year programme. However, the Council informed the Dean of the Faculty of Dental

Surgery that whilst this approval is being communicated, the Council is not imposing its' decision on any other decision that the law Court may take in regards to the court case insistuted by the Malta Dental Technologists Association that included one of the pleas regarding the Dental Technology course being run by the University of Malta and will not be held responsible for any consequences.'

L-istess xhud **John Salomone Reynaud** rega' xehed quddiem din il-Qorti kif preseduta in kontro-ezami nhar it-12 ta' Marzu, 2020 a fol 675 et seq tal-process. Jikkonferma li huwa l-President tal-Assocjazzjoni rikorrenti. Ix-xhud jigi mistoqsi diversa informazzjoni dwar l-Assocjazzjoni u l-membri taghha. Jenfasizza li l-membri tal-Assocjazzjoni jridu jkunu kollha registrati mal-Kunsill intimat bhala 'Dental Technologist'. Hija shubija volontarja. Jikkonferma li hemm madwar 23 membru fl-Assocjazzjoni u jikkofnerma allura li dawn fin-numru huma anqas minn nofs id-'Dental Technologists' kollha regisrati f'Malta. A fol. 678 ergo jixhed kif isegwi:

'Jiena Dental Technologist u ahna, jiena qieghed hawn f'isem l-ghaqda. L-ghaqda hija biex tkopri l-interessi tal-professjoni u tal-membri. Issa ahna bhala professjoni rridu nizviluppaw u hemm settur specjalizzat li huwa ta' Clinical Dental Technologist, li hawn ma jridux jgharfuh. Issa dan is-settur huwa importanti ghad-dental Technologists ghax huwa skop fejn jista jidudja ftit iktar sewwa u jsir iktar indipendenti. Ghaliex bhala Dental Technologist in generali huwa awtonomu, imma jiddependi ghall-hobz ta' kuljum mid-dentist, waqt li dan l-individwu jista' jahdem ghal rasu.'

Dwar jekk it-Tekniku Dentali Kliniku ghandux bazi medika jghid li kors jaghti l-bazi medika kollha li ghandu bzonn fil-'clinical procedures' u sabiex meta jara l-pazjent jaghmel 'oral assessment'. Jekk jara xi haga bhal 'pathological defent' jirreferi lid-Dentist.

Rat ix-xiehda ta' **Dr John Cachia** a fol. 84 et seq tal-process li sa Settembru tal-2011 kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali tas-Servizz tas-Sahha. Hu jispjega li kien hu li ghamel pressjoni sabiex il-kors tad-'Dental Technology' fl-Universita' ta' Malta ma jinghatax il-genb ghaliex kienu qed jonqsu hafna n-nies li jipprovdu dan is-servizz. Jghid li il-kwistjoni kienet jekk Tekniku Dentali, li huwa bhala Tekniku ghandu l-iskills u l-kompetenzi bizzejjed biex jaghmel certu tip ta' xoghol illi jigi fuq il-'borderline' bejn ix-xoghol ta' Dentist u x-xoghol ta' Tekniku Dentali. Huwa jixhed fid-dettal dwar il-fatt li fejn jinsab dan il-'borderline' jista' jvarja bejn il-pajjizi u wkoll skont il-kodici tal-etika stabilit ghal dik il-professjoni f'dak il-pajjiz. Fil-kaz ta' Malta l-Kunsill intimat huwa l-entita responsabbli sabiex jaghmel il-Kodici tal-Prattika u l-parametri li fihom jista' jipprattika xi hadd. Jixhed li:

'Bhala fatt il-Kunsill huwa obbligat li jorbot ma' dak li hemm miktub fil-Ligi. Fil-Ligi hemm mitkub *Dental Technologist*. M'hemmx il-kelma *Clinical* u allura hemm issue fuqha dik.' (Fol. 87).

A fol. 94 tal-process et seq xehdet **Dr Rita Micallef** li tghid li ghandha Dottorat fl-Edukazzjoni u tispecjalizza fit-tahrig ta' 'Health Care Professionals' u wkoll hija nvoluta fuq proceduri ta'

validazzjoni ghal dak li hu 'Child Care' u proceduri ta' validazzjoni ohrajn. A fol. 95 tixhed kif isegwi:

'Jiena l-principji li naf hija illi meta jkun hemm xi professjoni, (issa dan qed nitkellem mill-passat), meta kien hemm professjoni partikolari li ma kinetx rapprezentat fuq il-Kunsill – dak iz-zmien kien Bord, kien min-naha tad-Director of Institutional Health dak iz-zmien li kien ippropona li din il-professjoni tkun irregistrata.'

Dan izda b'referenza ghal professjoni ta' 'Audiologist'. Tghid illi l-professjoni ta' 'Dental Technology' hija parti mill-Kunsill ukoll u jirregistraw mal-Kunsill biex jipprattikaw. Mistoqsija fil-kaz ta' Clinical Dental Technologist allura x'inhi l-posizzjoni hija tghid illi f'kull kaz wiehed irid:

'Jara kif jitqabbel ma' training li jsir hawn Malta wkoll, u training li jirrikjedi li wiehed jigi rregistrat bih. U b'hekk jekk ikunu ugwali mbaghad il-persuna tigi irregistrata.' (fol. 97)

Tixhed li huma jharsu kemm lejn is-sustanza kif ukoll lejn il-forma. Ta' min jinnota li f'dan ir-rigward ix-xhud kienet qed tixhed b'referenza ghall-professjoni ta' Speech and Lanuage Pathology:

'Ahna li jikkoncernana huwa jekk l-individwu ghandux il-kwalifiki u anke l-kontenut tal-Kors hux ugwali…'

Jekk ikun hemm gia rikonoxximent minn bord barrani ta' reputazzjoni tajba normalment jigu registrati, ix-xhud tghid li 'jiddependi r-reputable body.' (fol. 98).

B'referenza ghall-kuncetti ta' 'freedom of establishment, freedom of movement and cross border services' kif jemanu mill-Unjoni Ewropea tghid li trid toqghod attent li dawn jigu salvagwardjati ghax jekk persuna gejja minn barra ghandu dritt jahdem fejn irid hu fl-Ewropa.

Rat ix-xhieda ta' **Charles Bonello** a fol. 114 et seq tal-process. Huwa jixhed li huwa Tekniku Dentali u li huwa registrat bhal Tekniku Dentali. Skont dan ix-xhud 'Dental Technologists' u 'Clinical Dental Technologists' huma l-istess. Jispjega l-procedura li ssir sabiex issir dentatura u mistoqsi jekk hemmx perikolu jghid li le ghaliex jekk mhix tajba jew tintrema jew tigi rrangata. Bhala registrat jghid li huwa jista' jmur jahdem fi kwalunkwe parti tal-Unjoni Ewropea. Dwar ir-relazzjoni mad-Dentisti ghal dak li huwa xoghol jghid:

'Issa d-dentist jiehu l-impression u jaghtih lilna biex naghmlu x-xoghol, filwaqt li Denturist il-pazjent jista' jigi ghandna u nkomplu x-xoghol.' (fol. 115)

Mistoqsi dwar ir-relazzjoni bejn id-Dentisti u l-professjoni tieghu jghid:

'nghid li d-Dentisti min-naha taghhom ma jittollerawniex li naghmlu dan ix-xoghol li huwa l-mestier taghna. . . . Meta tmur ghand Dentist qed jarak hu u jaghti l-impression f'dental technologists; jigifieri qed jahdem wara l-kwinti, mentri jekk jigi ghandna dirett and we are responsible for the work.' (fol. 115).

Rat ix-xiehda ta' **Phil Tucker** a fol. 180 et seq tal-process. Huwa jikkonferma li huwa 'Clinical Dental Technician' gewwa r-Renju Unit u li huwa membru tal-'British Association of Clinical Dental Technicians', 'The Dental Laboratories Assocation' u 'Royal College of Surgeons'. Izid li din il-professjoni hija rikonoxxuta mill-Unjoni Ewropea. Fuq mistoqsjia dwar xi drittijiet u libertajiet itih il-fatt li huwa membru tal-professjoni ta' 'Clinical Dental Technicians' jirrispondi kif isegwi:

'Phil Tucker: Well, it gives me a clear directive that I can work on patients direct to the public. So in other words patients can come and see me direct for, full dentures i.e. complete dentures, but on partial dentures I need a Dentist prescription.

Dr. Tonio Azzopardi: What are your rights vis-à-vis freedom to establish yourself elsewhere within the EU?

Phil Tucker: Limited at the moment because its each country has its own regulation that you have to apply to, and to adhere to. . . . . in Malta I asked if it was possible to come to work in Malta as a Clinical Dental Technician. I was refused on the grounds that you didn't have a Clinical Dental Technician in your health care profession subject; so therefore I could only register as a Dental Technician only . . . . . The response was, it was up to the Minister to make the decision and from that several correspondence and emails as resulted, in them saying that in at this present time we don't's wish to change any aspect of the field to include a Clinical Dental Technician.'

Mistoqsi x'inhu l-pozittiv tax-xoghol ta' 'Clinical Dental Technician' jirrispondi li l-klijent jiehu servizz dirett ahjar u x-xoghol ma jridx joqghod gej u sejjer mill-laboratorju ghand id-dentist u lura. Mistoqsi jekk bix-xoghol taghhom hemmx xi periklu ghall-klijent jghid li le u li sa minn meta gew rikonoxxuti fir-Renju Unit u l-Irlanda lura fis-sena 2006 ma kienx hemm kaz wiehed. Jispjega li fir-Renju Unit iridu japplikaw kull sena biex ir-registrazzjoni taghhom tigi mgedda u din tigi mgedda biss jekk jissodisfaw certu kriterji kull sena bhala tahrig kontinwu. Izid li l-professjoni taghhom hija wkoll koperta permezz ta' assigurazzjoni. In kontro-ezami jghid li meta giet rifjutata l-applikazzjoni tieghu kien gie nfurmat li kien il-Ministru koncernat li kellu l-poter li jbiddel il-Ligi u mhux il-Kunsill. Izid li kien biss f'Malta li applika u gie rifjutat. Jispecifika li huwa rikonoxxut fir-Renju Unit u l-Irlanda.

Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri esebita mir-rikorrenti a fol. 448 et seq tal-process b'eccezzjoni ta' dik li giet sfilzata b'ordni tal-Qorti diversament preseduta. Rat partikolarment l-emfasi li ssir fuq il-pretensjoni tar-rikorrenti li xoghol it-Tekniku Dentali Kliniku bl-ebda mod ma jista' jilledi s-sahha tal-pazjent li jisserva mis-servizzi taghhom.

A fol. 513 et seq tal-process xehed **Kevin Mulligan** nhar l-20 ta' frar, 2018, Dentist li gradwa fis-sena 1995 u huwa konsulent fl-'Orthodonthist' li jispjega li hija specjalita' fid-dentistrija mis-sena 2003. Jixhed li prezentement huwa wkoll 'clinical chairman' tad-dipartiment tad-Dentistrija tal-Isptar Mater Dei u li kien ilu f'dik il-posizzjoni mis-sena 2015. Jghid li huwa ma jistax jixhed fuq esperjenza diretta mat-Tekniki Dentali Kliniki ghaliex f'Malta ma

hawnx minnhom jghid li jista' jixhed dwar dak li jaqra. Jispjega li l-Ingilterra:

'Ghandhom dritt jezaminaw u jahdmu fuq pazjent unsupervised, on their own, u mbaghad jaghmlu x-xoghol ta' Dental Technologist kif jaghmlu kollha hemm huma. Ghax huma ghandhom kuntatt mal-pazjent unsupervised, jaghmlu l-pjan ta' trattament u mbaghad jiehdu d-decizjoni klinici li hemm bzonn jiehdu u hemm jaghmlu treatment fuq dak il-pazjent ukoll unsupervised'. (fol. 513 ergo.

Mistoqsi xi tfisser 'treatment' jikkonferma li huwa rimpjazzar ta' dentatura shiha jew wahda gdida shiha.

Mistoqsi dwar allura x'inhi d-differenza bejn Tekniku Dentali u Tekniku Dentali Kliniku jghid:

'Mela Dental Technology hija professjoni elide mad-dentistry u Dental Technologist li jezistu Malta ilhom ghal snin twal jaghmlu x-xoghol ta' dentaturi full partial orthodontics fixed prosthesis, pero' fil-laboratorju biss. Li jfisser huwa li ma ghandhomx kuntatt dirett mal-pazjent, qatt. Clinical Dental Technologists jaghmlu x-xoghol ta' Dental Technologists dejjem pero' d-differenza kbira hija illi Clinical Dental Technologists ghandhom kuntatt dirett mal-pazjent, jahdmu fuq dak il-pazjent u they are not supervised by a dental surgeon.' (fol. 513 ergo)

Mistoqsi jekk hemmx xi perikolu ghall-pazjent meta tigi introdotta dentatura fil-halq iwiegeb:

'Ovvjament meta jiena, kulhadd, ghandu kuntatt dirett ma pazjent inti qed titratta pazjent, mhux qed titratta halq. Jigifieri dak il-pazjent jista' ikun ma ghandux patologija ta' xejn meta tibda t-trattament, jista' ikun li hu jew hu ghandha, u jekk hu jew hi ghandha ovvjament dik il-patologija trid tkun trattata qabel ma jsir ix-xoghol kliniku. Ukoll, il-pazjent, hafna minnhom specjalment dawk li qed jaghmlu dentaturi u li huma elderly are on medication; li jsita' jaffettwa kemm l-istat tal-halq u kemm il-healing processing. Mela jekk hemm patologija li ma tigix rikonoxxuta fil-bidu – its not recognized, jew jekk il-pazjent ghandu kondizzjonijiet medici generali li jistghu jaghtu lok ghal hsara fil-halq minn dentatura iva fil-fehma tieghi jista' ikun hemm possibbilta ta' perikolu ta' dik is-sahha ta' dak il-pazjent.'

Jixhed ukoll li n-numru ta' Tekniki Dentali f'Malta huwa limitat, xi erbatax, u ghalhekk huma ezawriti bix-xoghol kemm dak tal-istat kif ukoll fil-privat. Mistoqsi dwar x'jistghu ikunu l-patologiji li qed jirreferi ghalihom isemmi l-osteoporoses li l-medicina li wiehed jiehu ghaliha jaghmilha difficli biex ghadam anki fil-halq ifieq u jsemmi wkoll infezzjonijiet li jistghu jigu kkawzati mid-dentaturi, li ghalkemm jistghu anki jsehhu meta jkun id-dentist li jissuplixxi d-dentatura, huma biss id-dentist jew tabib li jista' jirpeskrivi l-medicina ghaliha.

Rat ix-xiehda tas-Surpretendent tas-Sahha Pubblika **Dr. Charmaine Gauci** a fol. 519 et seq tal-process moghtija nhar it-8 ta' Marzu, 2018. Tghid li r-rwol li hija ggorr huwa dak ta' Direttur Generali tal-'Public Health Regulation' u li barra minn hekk hija wkoll konsulent fis-Sahha Pubblika u ilha hemm mis-sena 2009.

Mistoqsija dwar x'gie kkunsidrat fil-kaz partikolari odjern hija tirrspondi kif isegwi:

'Mela inti ghandek l-ewwel haga bhal ma ghedt jiena qabel, ir-rwol tas-Supretendenza tas-Sahha Pubblika huwa l-protezzjomi tas-sahha pubblika, u ahna ghandna fil-principju taghna u anke qieghed f'diversi ligijiet il-precaution principle, jigifieri inti bis-sahha tal-persuni ma tistax tiehu riskji. Allura inti dejjem nerrjaw aktar fuq precaution, u jekk hemm riskju ahna dak ma nehduhx, ghax ir-responsabbilta ta' . . is-servizzi kollha jinghataw lill-pazjenti f'Malta taqa' bhala responsabbilta tieghi. Ghalhekk ahna naraw meta inti ghandek professjoni gdida jekk dan jistax ikun hemm riskju ghas-sahha pubblika. U proprju f'dan il-kaz irridu niftakru li hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq sitwazzjoni fejn tista' tigi offruta servizz ta' prevention, diagnoses u treatment. Issa jekk inharsu lejn dan ix-xoghol minn ghandu jaghmel id-diagnosi ta' kondizzjoni? Min ghandu jaghti trattament? Dawn huma xoghol li jirrigwardja biss lit-tobba u lid-dentisti. Allura hemmhekk irridu niftakru li meta inti ghandek xi hadd qed jipprovdi dental prosthesis din ma hijiex xi haga li inti just dahhaltha go halq il-persuna u mbaghad jekk gara xi haga armejtha! Hemmhekk ghandek riskji ghas-sahha pubblika li huma kbar. U bhal ma kien hemm xhieda ohra u kien hemm, nafu li diversi professjonisti u diversi artikoli wkoll fix-xjenza juru li jista' ikun hemm riskju ghas-sahha pubblika.

Barra minn hekk irridu niftakru li meta inti ghandek persuna ha jmiss ma' kwalunkwe servizz tas-sahha hemmhekk irridu nharsu lejn l-opportunita' li persuna nezaminawh. Ghaliex sfortunatament insibu sitwazzjonijiet fejn nies ma jkollhom l-ebda

sintomi imma jkollhom patologija ghaddejja go gisimhom. U inkluz fil-halq. Allura hemmhekk meta mess ma' Health Service il-professjonist irid jara jekk hemmx patologija diga' qieghda hemmhekk, halli jekk hemm xi haga li ghadha fil-bidu din naqbduha kmieni. Dawn jistghu jkunu diversi, jista ikunu affarijiet li huma minimi, imma jista' ikunu wkoll affarijiet li huma serji fosthom per ezempju ahna naghmlu screening ukoll ta' jekk hemmx xi lezjonijiet fil-halq biex li jista' ikunu l-bidu anke ta' xi cancer; jigifieri hawnhekk qed nitkellmu fuq sitwazzjonijiet li huma serji hafna; u ir-ricerka turi li jekk inti jkollok prosthesis li ma hijiex pugguta tajba hemmhekk jista' ikollok patologija kemm li tista' tkun temporanja u anke dik li tista' tkun permanenti.

Barra minn hekk ukoll bhala sahha pubblika importanti li ahna insegwu lill-pazjent holistiku. A anke naraw il-pazjent jekk ghandux mard iehor, u jekk il-pazjent hux qed jiehu medicini ohrajn, ghaliex meta inti taghmel intervent mediku fuq pazjent dawn kollha jridu jigu mehuda bhala konsiderazzjoni biex inti tkun tista' taghti dak it-trattament kollu li ghandu bzonn. Jigifieri ahna hassejna li dan is-servizz ma huwiex risk free service. Huwa servizz li jista' ikollu riskji u ghalhekk hassejna li l-public health risk li jsita' jigi imposition fuq il-pazjent Malti jista' ikun gholi u ghallura ghedna ahjar ma jidholx.

Barra minn hekk ghandek l-aspett l-iehor li ahna s-servizzi tas-sahha rigward l-oral health ghandna servizz li huwa accessibbli. Li ghandna servizz ghal kull hadd li jistghu jmorru l-istpar Mater Dei. Li ghandek servizzi ohrajn li dawk in-nies li huma socially deprived jistghu jiehdu l-full service tad-dentistrija. U l-gvern ma ghandux problem biex jipprovdi dawn is-servizzi, ghax bhal ma

smajna qabel ma kellna nuqqas ta' professjonisti li huma jahdmu mal-gvern ahna ghamilna out sourcing. Jigifieri ahna nistghu nghidu li l-poplu Malti qed jigi moqdi.

U punt iehor li nixtieq insemmi hija li ahna favur il-multidisciplinary teams. Infatti fil-health care professions act ahna ghandna dental technologist li huma registrati u dental hygienist; u dawn kollha jahdmu f'team kollha pero' taht is- supervizjoni tad-dentist, ghaliex ahna rridu nkun zgur li pazjent meta mess ma' kwalunkwe sitwazzjoni fis-sahha ikun rah professjonist li hu kapaci jaghti l-prevenzjoni id-diagnose u t-treatment, ghad dan huwa li jixraqlu l-pazjent. '

Rat ukoll ix-xiehda tal-**Professur Charmaine Gauci** in kontro-ezami a fol. 712 et seq tal-process fejn fil-maggorparti taghha kkonfermat dak li gia kienet xehdet fuqu in ezami. Tikkonferma li l-Kunsill intimat ghandu rwol li jaghmel rakomandazzjonijiet skont ma ttih poter il-ligi. Mistoqsija jekk il-Ministru hux obbligat isegwi r-rakkomandazzjoni li ssirlu tghid li fuqha jkun jista' jimxi wkoll dak il-ministru li tghajjatlu l-ligi. Mistoqsija dwar jekk il-fakulta' tad-dentistrija hemm predominanza ta' dentisti tixhed:

'Inti bhal kwalunkwe tip ta' professjoni, ahna llum qeghdin nahdmu wkoll b'multidisciplinary teams, jigifieri dan m'huwiex kaz li d-dentist ikun qieghed wahdu imma inti ghandek l-ghajnuna minn kulhadd, jigifieri hemmhekk ikollok assessment tal-pazjent holistiku u allura bhal ma taf l-area ta' l-oral health ghandek id-dental technologist, ghandek id-dentist u ghandek ukoll id-dental hygienist li dawn jahdmu flimkien u jikkumplamentaw lil xulxin. It-tahrig hawn Malta jsir mill-

universita' ta' Malta li hemmhekk ghandek bhala lecturers diversi lecturers li gejjin minn professjonijiet li huma differenti.'

Tghid izda li mhix f'posizzjoni li tghid kemm hemm letturi dentisti u ohrajn le fil-Fakulta' ghax mhux responsabbli mill-Fakulta' tad-Dentistrija.

Mistoqsija dwar jekk kienx hemm ukoll Dentisti li gew dixxiplinati tixhed li:

' . . .l-ligi titkellem fuq li inti ghandek persuna li dan ghandu l-kwalifiki mehtiega, ghandu l-competencies li huma mehtiega, u dawk in-nies li ghandhom ir-recognised qualification and the experience li ghandhom bzonn madwarha plus li l-ligi titkellem dwar il-lista ta' professjonisti li inti qieghed ukoll bhala ministeru jaghraf skont it-third schedule liema huma dawk il-lista ta' professjonisti. Issa dawk in-nies kollha li jigu registrati skont il-professjoni taghhom, kollha kemm huma u bhalhom ukoll hemm il-medical council li tirregola d-dentisti, wkoll tirregola t-tobba, ghandek il-pharmacy council li jirregola lill-ispizjara, ghandek in-nursing and midwifery council li jirregola lil qbiela u lill-infermiera. Dawn kollha, ahna nigu registrati fil-professjoni medika, minn dawn il-councils li huma qeghdin hemmhekk a bazi tal-ligi. Issa kull persuna, li huwa registrat, kwalunkwe professjoni li hu ghandu r-responsabbiltajiet tieghu li hu ikun qieghed joffri l-aqwa servizz lill-pazjent skont ukoll il-professjoni tieghu. Jekk ikun gara xi haga fejn ikun nuqqas minn kwalunkwe medical profession, hemmhekk hemm l-istruttura li hija mwaqqfa wkoll bil-ligi biex bazikament hemmhekk jigi investigat kull kaz u fejn hemm bzonn ukoll jittiehdu passi dixxiplinarji bhal ma

nahseb gie smajtu wkoll inti jsiru diversi kawzi fejn ikun hemm li l-bord qata' li kien hemm raguni u fejn ikun hemm wara li giet investigata li ma kienx hemm raguni jigifieri.'

Mistoqsija ghalfejn ma jistax isir l-istess fil-konfront ta' Tekniki Dentali Kliniki tghid li ghaliex m'hijiex wahda mil-lista fit-tielet skeda li giet approvata biex tidhol fil-lista.

Mistoqsija bhala Direttur Generali tas-Sahha Pubblika, tispjega ghaliex l-oggezzjoni sabiex il-Tekniki Dentali Kliniki jidhlu fil-lista tat-tielet skeda tixhed:

'Tajjeb nispjega illi jiena bdejt bhala supretendent tas-sahha pubblika fit-2016, December 2016, jigifieri din il-kawza, dan ir-rifjut kienet qabel it-terminu tieghi. Tajjeb nispjega wkoll li fil-posizzjoni tieghi, ahna ma nkunux qeghdin nindahlu fil-kunsill ghax il-kunsill ghandu n-nies esperti tieghu li hu jkun jista' jaghraf u jevalwa kull kaz a bazi ta' ukoll l-authorities li ghandu ttih mil-ligi wkoll pero' li nista' nispjega hija li kont spjegajt ukoll fix-xiehda tieghi, hija li ahna bhala supretendenza tas-sahha pubblika, xoghlna huwa li nipprotegu s-sahha tal-poplu Malti u Ghawdxi u ghalhekk qeghdin dawn ir-regolamenti u ghalhekk qeghdin dawn il-bords biex huma jevalwaw meta inti ghandek proposta minghand xi hadd biex jaraw jekk dan jistax ikun ta' riskju wkoll ghall-pazjenti u hawnhekk f'dan il-kaz specifiku, il-kaz kien illi meta inti ghandek persuna li ghandu bzonn jaghmel tip ta' per ezempju dentatura etc, dan irid l-ewwel jarah dentist ghaliex ahna nafu li d-dentist fit-training tieghu, fil-competencies tieghu, huwa mghallem biex hu jkun jista' jaghmel il-clinical diagnosis permezz tal-ezaminazzjoni li jaghmel u wkoll ikun qieghed jirrakkomanda

t-trattament lil pazjent. Barra minn hekk ukoll, ahna nafu kemm oral health huwa importanti u nafu kemm hemm ukoll konsegwenzi gravi fuq l-oral health. Forsi hafna nies jahsbu li huwa biss is-snin imma meta inti se titkellem fuq oral health, huwa l-halq kollu u nafu kemm qed ikun hemm patologiji wkoll li huma relatati mal-halq. Allura meta inti jkollok pazjent li qieghed imiss mas-sistemi tas-sahha, huwa importanti hafna li dan il-pazjent niehdu l-opportunitajiet kollha li ghandna idejna biex inti jkun jista' jevalwah id-dentist li ghandu t-trainin kliniku biex ikun jista' jevalwa ghaliex kemm-il darba sibna li jkun hemm patologiji li inti taqbadhom f'dak l-aspett, jigifieri dak huwa l-preventative aspect. Barra minn hekk ukoll, meta inti ghandek persuna per ezempju gej biex jaghmel dentatura, dan irid ikun hemm evalwazzjoni klinika tal-halq tal-pazjent halli jekk inti ghandek xi patologiji ohrajn, ikunu l-kaz ukoll, li hemmhekk ukoll ghandek id-dentisti li diga' spjegaw tajjeb hafna, li inti ma jkunx indikat li persuna jkun jista' jaghmel id-dentatura jew inkella jkun jista' jirreferi ghal tip ta' prosthesis ohrajn fil-halq.

Mistoqsija jekk hux ta' beneficcju li jkun hemm nies ohra fil-privat apparti d-dentisti li jistghu jidentifikaw kmieni certu patologiji tirrispondi li:

'jekk inti jkollok nies li ma jkollhomx il-competencies biex jaghmlu d-diagnosis, se tigi tahdem bil-maqlub ghaliex tigi aghar. Ha nispjega lil Qorti. Bazikament jekk jiena bdejt inhoss ftit ugiegh, u rani professjonist li m'ghandux it-technical u l-competencies biex jaghraf u jaghmel diagnosis u dan forsi se jserrahli mohhi, jiena se mmur u se nghid mela dak l-ugiegh m'hu xejn u ma nergax immur immiss mal-health care system. So that tkun qed tahdem

bil-maqlub, anzi tkun qed taghmel iktar hsara u ghalhekk huwa importanti li kull min ikun afdat biex ikun jista' jaghmel clinical diagnosis fuq pazjent, ikunu dawk li huma certifikati bhala professjonisti li jistghu jaghmluha.'

Fuq  mistoqsija diretta ta' din il-Qorti kif issegwi:

'Qorti: Jien qed nifhem Profs. illi fil-kors, ejja nghidulu l-kors, tad-dentist, parti mill-kors huwa li huwa jitghallem li jaghmel l-ezami tal-halq u jaghraf dawn il-pathologies. Jien qed nifhem, jekk qed nifhem sew fil-kaz ikkoregini, illi parti mill-kors biex tilhaq technologist, m'hijiex din, m'hijiex inkluza fil-kors tieghu.'

Ix-xhud tirrispondi li:

'Fil-kors tat-technologist huma ma nghatawx il-kompetenza biex huma jkunu jistghu jezaminaw il-pazjent dirett huma.'

Mistoqsija jekk it-Tekniki Dentali Kliniki jaghmlux operazzjonijiet fil-halq jew 'invasive procedures' tghid:

'Din mhux kwistjoni ta' operazzjoni hawnhekk li qed nitkellmu, hija kwistjoni li inti ovvja li m'ghandhomx licenzja, huwa biss id-dental surgeon li jista' jaghmel operazzjonijiet fil-halq u anki hawnhekk qed nitkellmu fuq l-initial contact mal-health care system fejn inti ghandek il-pazjent qieghed imiss mas-sistema tas-sahha kemm fil-privat u kif ukoll mal-gvern li inti l-ewwel dijanjosi trid issir min-naha tad-dentist.'

Izzid li jekk hemm nuqqas ta' Dentisti fis-socjeta' dan ma jistax jigi rimpjazzat bit-Tekniki Dentali Kliniki. Tispjega li meta xehdet fuq nuqqas ta' dentisti dan kien fil-gvern u mhux fil-privat. Sar 'outsource' ma' dentist privati:

'dejjem jekk ghandek bzonn dentist se tmur ghand dentist mhux se tmur ghal profession ohra.'

Mistoqsija dwar x'inhi l-oggezzjoni la darba t-Tekniku Dentali Kliniku jittawwal biss fil-halq u l-professjoni tieghu hija rikonoxxuta minn pajjizi ohra Ewropej tghid:

'Nahseb ghamilniha cara hafna, rridu niftakru li jiena fl-irwol tieghi bhala supretendent tas-sahha pubblika u l-bodies kollha li jaqghu tahtna, bazikament l-irwol taghna huwa li dejjem nipprotegu s-sahha tal-poplu Malti u Ghawdxi u rridu naraw fic-cirkostanzi kif inhuma kollha biex ahna nkunu nistghu naghtu l-aqwa trattament. Irridu niftakru li l-patologiji tal-halq sfortunatament minhabba diversi ragunijiet dejjem qeghdin jizdiedu u allura minhabba dan, ahna rridu niehdu kwalunkwe opportunita' li qeghdin niltaqghu mal-pazjent, ghax nafu li hafna pazjenti ma jigux ukoll, allura l-opportunita' li se jkollhom se jkunu qeghdin f'kuntatt ma' persuna li huwa kompetenti li jkun jista' jaghraf xi patologiji li jista' jkollu ghaliex ghalija ma nistghux nitilfu dik l-opportunita' li dak il-pazjent gie ghandna.'

Rat ix-xiehda ta' **Dr Pauline Vassallo** konsulenta fi hdan is-sahha pubblika a fol. 521 et seq tal-process. Dwar il-perikli li tista' ggib maghha meta titpogga dentatura tixhed:

'U l-evidenza turi wkoll li jekk taghmel dentatura is part of a bigger picture; mhux biss semplici li wiehed jaghmel dentatur. U dan dentatura fil-halq jaffettwa wkoll il-mikrobi li jkun hemm fil-halq u jista' jaffettwa wkoll it-telf ta' snin meta wiehed ikun jaghmel dentatura li mhix maghmula tajjeb.'

Dwar il-professjoni ta' 'Clinical Dental Technologists' fil-pajjizi Ewropej tixhed kif isegwi:

'Mela minn dak li hemm fil-Council of European Chief Dental Officer huma perijodikament jigbru l-informazzjoni biex jaraw kull pajjizi fl-Unjoni Ewropea x'ikunu qed jaghmlu; u li hemm zgur fejn jaghmlu t-training hemm ftit pajjizi minn l-Unjoni Ewropea, hemm l-Ingilterra, l-Irlanda, l-Olanada, d-Danimarka u Slovakja, li jkunu ftit infatti, jekk tahseb li huma 28 pajjiz imma xi 5 jew 6 li joffru li jirrikonoxxuha.'

Rat li xehdet in kontro-ezami a fol. 727 tal-process. Dwar il-prattika prezenti u ghaliex xehdet li jekk din issir minn 'Clinical Dental Technologist' din tista' tirraprezenta riskju tixhed:

'Li inti meta jkollok clinical dental technologists dan ikun qed jassessja l-pazjent hu, klinikament, u mbaghad jaghmel ix-xoghol hu. Bhalissa l-prattika hija li d-dentist li ghandu l-istudju wkoll, kif jaghmel id-dijanjosi u ta' xi tip ta' patologija li wiehed jista' jkollu fil-halq, jaghmel il-prescription ta' x'tip ta' dentatura hija tajba, jaghmel l-analizi jekk dan jista jsir jew le, mabghad ix-xoghol, the technical work bhala d-dentatura, din issir mid-dental technologists, pero dan l-ewwel il-pazjent ikun ghamel assessment

id-dentist ghax hu jkollu l-istudju biex hu jkun jista' jaghraf d-differenza bejn patologija u fizjologija.'

Mistoqsija allura ghalfejn m'ghandux ikun il-'Clinical Dental Technologist' stess li jirrelata hu tixhed:

'Ghax il-clinical dental technologist m'ghandux il-knowledge jew it-training biex ikun jista' jaghraf il-patologija u jkun indikat number one x'tip ta' xoghol li ikollu bzonn, kif ukoll li forsi jkun hemm il-hsarat jew jista jkun hemm xi patologija li taghmel izjed hsara milli le, jigifieri ghax dawn ma jkollhomx it-training li jkollhom dentist . . . .

. . . .jekk inti thares lejn it-training ta' clinical dental technologist u t-training li jkollu dentist, huma jkollhom hafna izjed training fuq il-qasam tad-dijanjosi, tal-gisem, tal-patologija, allura d-dentist huwa dejjem izjed maghrraf fuq l-informazzjoni u ghalija, l-importanza tal-pateniet safety and going for the best option is is always the load we have taken.'

Terga' tikkonferma li hemm biss madwar 6 pajjizi fl-UE li jirrikonoxxu l-Clinincal Dental Technologists u l-bqija jsegwi l-linja li zamm l-iStat Malti.

Rat ix-xiehda tal-**Professur Nicolai Attard** u rat ir-ritratti esebiti minnu a fol. 524 et seq fejn jaghtina elenku tal-kwalifiki tieghu u wkoll jispjega li mis-sena 2011 lahaq Dekan tal-Fakulta tad-Dentistrija fl-Universita' ta' Malta. Fix-xiehda tieghu jaghti spjegazzjoni dwar id-differenzi bejn il-kors ghal Dentist li huwa ta' hames snin u f'livell ta' Masters u dak ta' 'Dental Technologist'

li huwa livell under graduate ta' erba' snin. Jispjega li ghalkemm it-Tekniku Dentali ma jahdimx dirett fuq il-pazjent iddahhlet sistema ta' 'dental team' u cioe' li l-istduenti jipprattikaw bhala 'dental team' flimkien. Jikkonferma li l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku f'Matla mhiex rikonoxxuta. Jixhed li:

'Id-differenza minn dental technolgist huwa li huma jaraw pazjent direttament; jaghtu servizzi ta' removable prosthodontics; u f'certu pajjizi naf ukoll li anke jistghu jaghtu xi servizzi ohra.'

Ikompli jispjega li l-professjoni ta Tekniku Dentali Kliniku mhiex armonizzata bejn il-pajjizi nkluz dawk fl-Unjoni Ewropea.

Mistoqsi jekk hemm'x xi periklu meta tigi ntrodotta dentatura fil-halq jixhed:

'Ha nghidlek, il-halq huwa parti mill-gisem. L-ewwel nett il-gisem huwa magna sofistikata hafna, ha nibdew minn hemm; u l-halq huwa wahda minn l-ktar postijiet mahmugin li hemm fil-gisem kollu. Il-ghala?We know of more aout eight hundred types of bacteria li qeghdin fil-halq, in millions if not billions of bacteria in our mother. That's in a clean mouth, ok? U dawn bazikament tista' taqsamhom fi tnejn; dawk li huma aerobic u dawk li hua anaerobic. Issa meta inti taghmel itnervent bhal per ezempju ddahhal protesi detnatura, hemm kambjamenti, u l-kambjamenti jigifieri hemm dawk li jifhem il-pazjent u jesperjenza, bhal per ezempju hemm xi hag agdid f'halqu, kbira ikollok hafna salivation ghax il-mohh qed jipprova jahsilha 'l barra suffering body ghal bidu sakemm ikollok the adaptation face, u imma l-flora tal-halq, il-plug jinbidel. Jinbidel, l-ewwel nett jizdied fl-ammont, ok?,

jigifieri meta ddahhl protesi f'kalq ta' persuna jizdied l-ammont ta' plug, number 1) Number 2) tinbidel il-konsistenza tieghu minn aerobic ta' anaerobic bacteria u b'anaerobic baceteria are the cuaseative agent of desease, ok? Li huwa mard tal-hanek. Hemm il-mard tal-hanek u t-tahsir they are as old as man kind bazikament.

Jigifieri li ddahhal protesi f'halq persuna hemm kambjamenti u ovvjament trid taghmel mitigation ta' dawk il-kambjamenti, jigifieri mhux taqbad u taghti dentatura u that's the end of the story! Hemm ahna lill-istudenti taghna nghallmuhom, u anke jiena bhala prosthodontist l-ispeciality taghna, ghax dik tappertjeni lili speci bhala professjoni prosthodontist u denture work, nghallmuhom that there are 4 phases of treatment, and that is diagnoses li inti tigbor l-informazzjoni fuq kull persuna, li taghmel treatment plan customized ghal dak il-persuna. Imbaghad that you execute the work li taghmel ix-xoghol. U once li taghti x-xoghol lill-persuna that's not the end of treatment; that's actually the beginning of another phase. In the phase of maintenance, ok? U hemm bosta ricerka minn madwar il-globu kollu li turi li jekk ma jsirx maintenance sewwa, jekk ma jsirx preparament sewwa li l-halq jigi preparat sewwa, ok?, u li tigbor l-informazzjoni sewwa, ghamel xoghlok tajjeb u li mbagahd tmantnih hemm ha jkun hemm problema fis-sahha tal-halq.'

Mistoqsi x'jistghu ikunu l-konsegwenzi jghid:

'Jista' jkollok konsegwenzi immedjati ta' per ezempju dawk li huma relatati per ezempju denture trauma jew xi barxa. Jekk dentatura ma tkunx tiffittja sewwa tista' tifforma chronic trauma li

nsejhulha denture epulis fejn il-hanek imbaghad imhabba li d-dentatura tkun qed ticcaqlaq tibda taghmel hsara lil hniek; dawk huma l-immedjat. Jekk inti bhal ma kont tispjega ma taghtix kaz u ma tmantix il-halq sewwa b'mod konsistenti u l-bacteria l-flora ser tinbidel you are goigt to lead to perorialantil deseases . . . loss of bone issarraf f'monilit ta' snien, li snien jibdew jiccaqalqu, u eventwalment li jistghu jintilfu s-snien ukoll. . . . once li jintilfu s-snien, dak il-process ta' bone loss ma jieqafx hemm , jibqa ghaddej u jissejjah residual ridge resorption. . .'

Jispjega li din tfisser li persuna jispicca jitlef snienu kollha u l-uniku rimedju huwa dak ta' 'dental implants' li izda jiswew hafna flus biex isiru.

Jispjega li l-persuna fit-'team' li huwa kwalifikat sabiex jaghmel id-djanjosi fuq il-pazjent qabel trattament huwa d-Dentist. Huwa d-dentist li mbaghad jaghti l-'prescription' lit-Tekniku Dentali dwar kif ghandha ssir id-dentatura. Jispjega li ltaqa' ma' kazijiet fejn pazjenti soffrew trauma rizultat ta' dentatura mhux tajba u jixhed dwar kaz partikolari fejn rizultat ta' dentatura li kienet ticcaqlaq il-pazjenta spiccat f'infjammazzjoni fil-hanek. In kontro-ezami a fol. 571 et seq jispjega li dan mhux semplici ulcera izda trawma ta' 'denture epulis' u jinsisti li biex tfieq tiehu hafna aktar minn xahar jekk tfieq altrimenti trid issir kirurgija biex jitnehha l-laham li jkun trabba. Jirrikonoxxi li l-pazjent ukoll irid jiehu hsieb izda jrid ikun id-dentist li skont il-persuna jiffissa l-frekwenza tal-visti.

Mistoqsi in kontro-ezami x-xhud jirrikonoxxi li hemm diversi pajjizi madwar id-dinja li jirrikonoxxu t-Tekniki Dentali Kliniki.

Dwar it-tnaqqis ta' sena fil-kors ta' 'Dental Technologist' fl-Universita' ta' Malta jenfasizza li fil-fatt is-sieghat zdiedu mhux naqsu u li gara li ssahhah il-kors ghax fil-fatt minn Diploma sar BSC u gie in linea mal- hekk imsejjah 'Bologna process'.

Rat li dan ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami a fol. 564 et seq tal-process u rat ukoll id-dokumentazzjoni esebita minnu tul l-istess xiehda a fol. 546 et seq tal-process. Minn dawn id-dokumenti tirrizulta konferma li l-kors ta' 'Clinical Dental Technologist' ma jinghatax fl-Universita ta' Toronto fil-Kanada minn fejn ottjena l-kwalifiki tieghu ix-xhud izda huma offerti minn kullegg iehor li jopera mill-istess bini. Ukoll jirrizulta li huwa minnu li ghalkemm f'Malta jigi offert kors ta' tlett snin fil-fatt dan fih aktar sieghat ta' 'lab hours' mill-kors offrut fir-Renju Unit fl-Universita ta' Barts f'Londra li jdum erbgha snin. Rat ukoll il-kurrikulu taz-zewg korsijiet. Mistoqsi x'diffikultajiet jista' jkollu li jaghti tahrig ghal kors ta' 'Denturist' jirrispondi li la l-professjoni mhix rikonoxxuta f'Malta u mhux kors li jezisti fl-Universita'. Dwar il-'General Dental Council' fir-Renju Unit jghid li fl-istess pajjiz ma hemmx 'harmonisation' fil-korsijiet u jghid li jekk tqabbel il-korsijiet hemm hafna difetti. F'Malta dentisti u tobba huma suggetti ghall-kontroll tal-'Medical Council'.

Dwar id-dentaturi jghid li mhux kull min jaghmel dentatura jkollu 'sore spots'. Jirrikonoxxi wkoll li min jaghmel dentatura gdida hemm il-possibilita' li jkollu 'altered speech' filwaqt li min jibdilha minhabba l-'wear and tear' probabbli li le. B'referenza ghall-problemi ta' sahha li jista' jkollhom pazjenti wara li tigi ntrodotta dentatura x-xhud jikkonferma li dan kollu jigi mghallem lid-Dental Technologists. Mistoqsi x'inhi d-differenza f'dak li jigi

mghallem Dentist u dak li jigi mghallem 'Dental Technologist' jixhed a fol. 575:

'Student tad-dentistrija qed jigi mghallem l-ewwel zewg steps; data gathering, diagnosis. Id-dental technologist ma jaghmilhiex id-diagnosis.'

Meta rega' gie mistoqsi dwar it-tnaqqis tas-sena fil-kors ix-xhud jenfasizza li gia spjega li mhux minnu li tnaqqas it-tahrig fil-kors anzi zdied u jinsisti li fejn il-kors ma kienx jiftah kull sena beda jiftah kull sena u zdiedu l-kwalifiki ta' min jidhol ghalih ghall-livell ta' 'A' Level u wkoll jispjega kif tul is-snin bdew jigradwaw ferm aktar 'Dental Technologists' minn qabel. Jispjega li l-'Bologna Process' tghidlek li l-bachelor's degree irid ikun tlett snin mhux anqas u jinsisti wkoll li anki t-teorija zdiedet. Izid ukoll li min igib il-BSC jista' wkoll jaghmel Masters of Science fl-Universita'.

Fuq insistenza tal-Avukat tar-rikorrenti li tpoggi protesi mhux invasive, ix-xhud ma jabqilx u jinsisti li l-fatt li tintroduci protesi fil-halq hija procedura invasiva. Jixhed li protesi tfisser 'replacement of missing body part' (fol. 584).

Rat li l-kontro-ezami ta' dan ix-xhud kompla jinstema' quddiem din il-Qorti diversament preseduta fis-seduta ta' nhar l-10 ta' Mejju, 2019 a fol. 632 et seq tal-process. Huwa jerga' jikkonferma li l-bidla tal-kors minn erba' snin ghal tlett snin ma naqqsitx il-kors. Anzi bhala prattika l-hinijiet zdiedu u bhala kontenut akkademiku baqa' l-istess u zdied ukoll is-suggett tal-'implant dentistry'. Jispecifika li l-kors kien beda bhala diploma, mbaghad kien BSC ta' erba' snin mbaghad gie BSC ta' tlett snin fuq direttiva

tal-Professur Vella llum Rettur tal-Universita'. Kien diploma qabel taht l-Institute of Healthcare. Jixhed li ma jafx x'kien l-iskop li kors emigra minn fakulta' ghall-ohra sena qabel li lahaq Dekan hu. Mistoqsi jekk dawn id-decizjonijiet johodhomx wahdu biex jikkontrolla l-'growth' tal-professjoni jghid li hu ma jistax jiehu decizjonijiet wahdu allavolja dekan tal-Fakulta ghaliex irid ikun hemm il-kunsens mill-Bord tal-Fakulta', u diversi bordijiet ohra fosthom is-Senat tal-Universita. Jghid li r-riforma saret ghall-gid tal-istudenti tat-teknologija mhux ghad-dentisti kif suggerit. Jenfasizza li d-Dentisti u d-'Dental Tehcnologists' jahdmu bhala 'team', ghal min irid jahdem. Jghid li meta sar it-tibdil ma gietx ikkonsultata l-MDTA rikorrenti ghaliex hija 'union' u mhux korp akkademiku. Jikkonferma li kkonsulta mal-organi akkademici. Jikkofnerma li d-Dentisti Maltin mhux affiljati mal-'World Dental Federation' li topponi li teknici dentali jinghataw l-istat ta' 'healthcare provider' u li l-agir tieghu mhux ispirat minn hekk. Jinsisti li l-iskop tieghu kien li l-korsijiet isiru ahjar.

Mistoqsi dwar jekk hux kontra l-'Clinical Dental Technologists' jghid li le u jirrikonoxxi li f'certu cirkustanzi f'pajjizi ohra hemm bzonnhom. Dwar Malta izda jixhed kif isegwi:

'Jiena fl-opinjoni personali tieghi naccetta li f'pajjizi kbar jaf ikun hemm il-bzonn, u mhux ta' Clinital Dental Technologists biss, anke ta' forsi hawn professjonisti ohra, kull pajjiz jiddeciedi l-bzonnijiet tieghu. U fl-opinjoni tieghi wkoll li f'Malta jidhirli li s-servizzi li hemm diga available qed jaghtu servizz tajjeb lill-poplu Malti.' (fol. 641)

Jikkonferma li jekk jinghata direzzjoni mill-Gvern sabiex jinfetah il-kors ghall-'Clinical Dental Technologists' il-fakulta' ghandha l-'expertise' u 'knowledge' u jrid ikollok ir-rizorsi. Irid ikun hemm id-decizjoni u l-volonta', direzzjoni ta' 'policy' minn naha tal-Gvern li jiddeciedi.

Rat id-dokumentazzjoni esebita permezz ta' nota fl-atti datata 12 ta' Marzu, 2020 (fol. 656 et seq) u li tikkonsisti fl-Istatut tal-'Malta Dental Techonologists Associaton (fol. 657), 'Code of Practice – Dental Technology - council for the Professions Complementary to Medicine' (fol. 661) mahrug mill-Kunsill intimat u 'A code of Professional and Ethical Conduct for Dental Technologists' (fol. 665). Minn dawn id-dokumenti johrog lid-'Dental Technologist' f'Malta irid ikun supervizjonat u wkoll li jimxi mal-preskrizzjoni li tinhareg mid-Dentist. Id-deskrizzjoni ta' 'Dental Technology' skont id-dokument a fol. 664 hija kif isegwi:

'Dental technologists are skilled persons qualified by academic, practical and laboratory practice to construct appliances for the replacement of missing natural teeth in metal or acryclic. These appliances are removable or fixed (e.g. bridges). They also construct removable orthodontic appliances for the properly alignement of teeth, articulation and function. Dental techologists work in co-ordination with a dentist.'

Rat ix-xiehda ta' **Pierre Zammit** a fol. 673 et seq tal-process segretarju tal-Assocjazzjoni rikorrenti ghal madwar hamsa u ghoxrin sena. Huwa gie mitlub jesbixxi kopja tal-minuti fejn tinstab ir-rizoluzzjoni li tawtorizza l-ftuh tal-kawza odjerna.

Rat id-dokument MCV 1 esebit mix-xhud **Maria Cristina Vassallo**, Registratur tal-Kunsill intimat u bdiet fil-kariga f'Dicembru tas-sena 2019. Dan id-dokument, li jikkonsisti f'lever arch file, jirriproduci bosta dokumenti li gia kienu esebiti fl-atti u jipprovdi informazzjoni dwar kif inhuma rikonoxxuti u regolati d-'Dental Technologists' f'Malta mill-Kunsill intimat u nkluz il-'bench-marking' applikat. Tispjega li sabiex tigi registrata professjoni gdid mal-Kunsill il-procedura hija li l-Kunsill wara li jaghmel analizi u jitlob evidenza jaghti rakomandazzjoni lis-Surpretendent imbaghad hija is-Surpretendent li fl-ahhar mill-ahhar tibdel il-ligi, ghaliex hija l-Legislatur.

L-istess xhud tixhed in kontro-ezami a fol. 695 et seq tal-process. Hija tghid li ma tafx jekk id-dentisti jopponux li jigu rikonoxxuti t-Tekniki Dentali Kliniki. Tikkonferma li l-ewwel talba ghal rikonoxximent saret madwar is-sena 1997 u t-tielet talba saret fis-sena 2008. Tixhed li mill-informazzjoni li ghandha fil-pajjizi tal-Ewropa, zewg pajjizi biss hemm li jirrikonoxxu il-'Clinical Dental Technologists' li huma l-Irlanda u d-Danimarka. Fil-bqija, fil-maggoranza tal-pajjizi l-ohra tal-EU huma kollha 'Dental Technologists'. Tispjega b'referenza ghad-dokumentazzjoni esebita minha li dment li l-'Clinical Dental Technologists' ma jkunux inkluzi fil-ligi ma jistghux jigu rregistrati. Tikkonferma li ghad-decizjoni tas-Surpretendent jekk ghandhiex tigi nkluza professjoni gdida l-Kunsill jaghmel ir-rakkomandazzjoni tieghu. Izzid li maghha qatt ma kien hemm opposizzjoni diretta mid-Dentisti ghar-rikonoxximent tal-'Clinical Dental Technologists'.

**Referenza:**

Rat li mill-proceduri ta' referenza lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea, riferuti minn din il-Qorti diversament preseduta, rrizultat decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea li ggib id-data tal-21 ta' Settembru 2017 a fol. 431 et seq tal-process li fil-parti sostanzjali taghha ddecidiet kif isegwi:

**'Fuq il-mertu**

32Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertajiet fundamentali u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/36 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li l-attivitajiet ta' tekniku dentali għandhom jiġu eżerċitati b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist, sa fejn dan ir-rekwiżit japplika, konformement mal-imsemmija leġiżlazzjoni, fir-rigward ta' TDK li kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'dan l-ewwel Stat Membru.

33Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, skont l-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 2005/36 tistabbilixxi r-regoli li bihom Stat Membru, jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, li jissuġġetta l-aċċess għal professjoni rregolata jew l-eżerċizzju tagħha, fit-territorju tiegħu, għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, għandu jirrikonoxxi, fir-rigward tal-aċċess għal din il-professjoni u tal-eżerċizzju tagħha, il-kwalifiki professjonali miksuba fi Stat Membru ieħor jew f'diversi Stati Membri oħra, jiġifieri l-Istat Membru jew l-Istati Membri ta' oriġini, u li jippermettu lill-persuna li jkollha dawn il-kwalifiki teżerċita l-istess professjoni hemmhekk.

34Skont l-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva, "professjoni regolata" tfisser attività jew grupp ta' attivitajiet professjonali li l-aċċess għalihom, l-eżerċizzju tagħhom jew wieħed mill-modi tal-eżerċizzju tagħhom huma suġġetti, direttament jew indirettament, permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi. Għaldaqstant, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "professjoni regolata", fis-sens tal-imsemmija direttiva, taqa' taħt id-dritt

tal-Unjoni (sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Brouillard, C-298/14, EU:C:2015:652, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35Mill-Artikolu 3(1)(b), (ċ) u (e) tad-Direttiva 2005/36 jirriżulta li l-kunċett ta' "kwalifiki professjonali speċifiċi", li jinsab fl-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva, ikopri kull kwalifika li tikkorrispondi għal prova ta' kwalifika formali maħsuba speċifikament sabiex tħejji lill-persuni li jkollhom din il-kwalifika għall-eżerċizzju ta' professjoni partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2015, Brouillard, C-298/14, EU:C:2015:652, punt 38).

36Kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-kwalifika universitarja, meħtieġa fl-Artikolu 28 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex wieħed ikun jista' jkollu aċċess għall-professjonijiet komplementari għall-mediċina, hija intiża speċifikament li tħejji lill-persuni li jkollhom din il-kwalifika sabiex jeżerċitaw tali professjonijiet. Issa, it-Tielet Skeda tal-imsemmi att tinkludi, fost il-professjonijiet komplementari għall-mediċina, il-professjoni ta' tekniku dentali.

37Għaldaqstant, bla ħsara għall-istħarriġ mill-qorti tar-rinviju tal-osservanza tal-Artikolu 3(1)(b), (ċ) u (e) tad-Direttiva 2005/36 fir-rigward tar-rekwiżiti ta' kwalifika professjonali tat-tekniki dentali, previsti fid-dritt Malti, għandu jiġi kkonstatat li l-professjoni ta' tekniku dentali tikkostitwixxi, f'Malta, professjoni rregolata fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva.

38Peress li ma hijiex koperta mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli II u III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36, il-professjoni ta' tekniku dentali hija għalhekk suġġetta għas-sistema ġenerali ta' rikonoxximent ta' provi ta' kwalifika formali, prevista fil-Kapitolu I ta' dan it-titolu u b'mod partikolari fl-Artikoli 10 sa 14 ta' din id-direttiva.

39Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tal-imsemmija direttiva, meta, fi Stat Membru ospitanti, l-aċċess għal professjoni rregolata jew l-eżerċizzju tagħha jkunu suġġetti għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, l-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru għandha tippermetti li l-applikanti jkollhom aċċess għal din il-professjoni u li jeżerċitawha, fl-istess kundizzjonijiet bħal dawk applikabbli għaċ-ċittadini tiegħu, jekk ikollhom attestazzjoni ta' kompetenzi jew prova ta' kwalifika formali

msemmija fl-Artikolu 11 tal-istess direttiva, li jkunu meħtieġa minn Stat Membru ieħor sabiex wieħed ikun jista' jkollu aċċess għal dik l-istess professjoni fit-territorju tiegħu jew sabiex ikun jista' jeżerċitaha hemmhekk.

40L-espressjoni "dik il-professjoni [dik l-istess professjoni]", li tinsab fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36, għandha tinftiehem fis-sens li tkopri l-professjonijiet li, fl-Istat Membru ta' oriġini u f'dak ospitanti, ikunu jew identiċi, jew analogi, jew, f'ċerti każijiet, sempliċement ekwivalenti, f'termini ta' attivitajiet koperti minnhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos, C-330/03, EU:C:2006:45, punt 20).

41Il-qorti tar-rinviju għandha tieħu inkunsiderazzjoni kull waħda mill-attivitajiet koperti mill-professjoni inkwistjoni fiż-żewġ Stati Membri kkonċernati, jiġifieri l-professjoni ta' tekniku dentali f'Malta u l-professjoni ta' TDK fi Stat Membru ieħor, sabiex tiddetermina jekk effettivament hijiex involuta "l-istess professjoni", fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Jannar 2006, Colegio de Ingenieros de Caminos, Canales y Puertos, C-330/03, EU:C:2006:45, punt 20).

42F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kawża prinċipali, l-awtoritajiet Maltin kompetenti ma humiex jirrifjutaw lit-TDK aċċess għall-professjoni ta' tekniku dentali u jqisu li l-attivitajiet ta' TDK u l-kwalifiki professjonali tagħhom jikkorrispondu għal dawk ta' tekniki dentali f'Malta.

43F'dawn iċ-ċirkustanzi, u bla ħsara għall-verifika li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju skont il-kriterji msemmija fil-punt 41 ta' din is-sentenza, ma jistax jiġi eskluż li l-professjoni ta' tekniku dentali u dik ta' TDK jitqiesu li huma "l-istess professjoni", fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36.

44Barra minn hekk, il-fatt, osservat fid-deċiżjoni tar-rinviju, li l-kwalifiki ta' TDK meħtieġa minn Stat Membru ta' oriġini jmorru lil hinn mill-kwalifiki meħtieġa għal tekniku dentali li l-professjoni tiegħu hija rregolata fl-Istat Membru ospitanti ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward.

45B'dan premess, għandu jiġi eżaminat ir-rekwiżit, kif stabbilit fil-

leġiżlazzjoni Maltija, li l-attivitajiet tat-tekniki dentali f'Malta għandhom jiġu eżerċitati b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist, fejn dawn it-tekniki ma humiex awtorizzati jaħdmu f'kuntatt dirett mal-pazjenti mingħajr ma jkun hemm tali tabib dentist bħala intermedjarju.

46F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju tal-professjoni ta' tekniku dentali jew ta' dik ta' TDK ma humiex, bħala tali, armonizzati permezz tad-Direttiva 2005/36.

47Fil-fatt, kif essenzjalment qies l-Avukat Ġenerali fil-punt 13 tal-konklużjonijiet tiegħu, mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2005/36, kif interpretat fid-dawl tal-premessa 3 tagħha, jirriżulta li huwa l-Istat Membru ospitanti li għandu jiddetermina l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju ta' professjoni rregolata, b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni.

48Għaldaqstant, persuna li teżerċita l-professjoni ta' TDK fl-Istat Membru ta' oriġini tagħha ma tistax tinvoka d-Direttiva 2005/36 sabiex toġġezzjona għal rekwiżit li l-professjoni ta' tekniku dentali tiġi eżerċitata b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist, bħar-rekwiżit inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

49Kif osserva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punt 13 tal-konklużjonijiet tiegħu, soluzzjoni kuntrarja twassal sabiex Stat Membru jkun imġiegħel jimmudella l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju ta' professjoni fuq dawk applikabbli fi Stati Membri oħra u sabiex din id-direttiva tintuża bħala strument li jservi sabiex jiġu evitati l-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju tal-professjonijiet irregolati li madankollu ma kinux is-suġġett ta' armonizzazzjoni.

50Għalkemm huwa minnu li ċerti attivitajiet tat-TDK jistgħu jaqgħu fost l-attivitajiet tal-professjoni tat-tabib dentist u għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36 jipprevedi, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-aċċess parzjali għal attività professjonali, għandu fi kwalunkwe każ jitfakkar li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali qatt ma talbu, konformement mal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, aċċess parzjali għall-professjoni ta' tabib dentist.

51B'hekk, mingħajr ma huwa meħtieġ li tingħata deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk tali aċċess parzjali huwiex, f'dan il-każ, legalment possibbli, għandu

jiġi kkonstatat li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, l-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36 ma huwiex applikabbli.

52Barra minn hekk, għandu jiġi evalwat jekk, fir-rigward tal-aspetti tal-kundizzjonijiet ta' eżerċizzju tal-professjoni ta' tabib dentist jew tal-professjoni ta' TDK li ma humiex armonizzati permezz tad-Direttiva 2005/36, ir-rekwiżit li l-professjoni ta' tekniku dentali tiġi eżerċitata b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist huwiex konformi mat-Trattat FUE.

53F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom sabiex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet imsemmija fil-punt preċedenti b'osservanza tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, Nasiopoulos, C-575/11, EU:C:2013:430, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54Huwa minnu li, konformement mal-Artikolu 168(7) TFUE, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt tal-Unjoni ma jippreġudikax il-kompetenza tal-Istati Membri li jadottaw dispożizzjonijiet intiżi li jorganizzaw is-servizzi tas-saħħa. Madankollu, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom josservaw id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar il-libertà ta' stabbiliment, li jinkludu l-projbizzjoni għall-Istati Membri li jintroduċu jew li jżommu fis-seħħ restrizzjonijiet mhux ġustifikati fir-rigward tal-eżerċizzju ta' din il-libertà fil-qasam tal-kura tas-saħħa (sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Ottica New Line, C-539/11, EU:C:2013:591, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, sa fejn it-TDK huma awtorizzati, fl-Istat Membru ta' oriġini, jaħdmu f'kuntatt dirett mal-pazjenti mingħajr ma jkun hemm tabib dentist bħala intermedjarju obbligatorju, ir-rekwiżit ta' tali intermedjarju, prevista fil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tat-tekniki dentali, jista' jagħmel inqas attraenti l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment tagħhom, iggarantita fl-Artikolu 49 TFUE.

56Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' stabbiliment, li huma applikabbli mingħajr diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità, jistgħu jkunu ġġustifikati permezz ta' raġunijiet imperattivi ta'

interess ġenerali, bil-kundizzjoni li jkunu ta' natura adegwata sabiex jiżguraw li jintlaħaq l-għan segwit u bil-kundizzjoni li ma jmorrux lil hinn minn dak li jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan (sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, Ottica New Line, C-539/11, EU:C:2013:591, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

57 Fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżit tal-imsemmi intermedjarju obbligatorju huwa bbażat fuq il-premessa li huma biss il-persuni li jkunu segwew it-taħriġ ta' tabib dentist imsemmi fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2005/36, u li jkollhom il-prova ta' kwalifika formali bażika ta' tabib dentist, li huma suffiċjentement ikkwalifikati sabiex jeżerċitaw l-attivitajiet, elenkati fl-Artikolu 36(3) ta' din id-direttiva, ta' prevenzjoni, ta' djanjosi u ta' trattament tal-anomaliji u tal-mard tas-snien, tal-ħalq, tax-xedaq u tat-tessuti assoċjati.

58 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-parteċipazzjoni obbligatorja ta' tabib dentist fit-trattament ta' pazjent li lilu jipprovdi s-servizzi tiegħu ta' tekniku dentali hija maħsuba sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, li hija raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.

59 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk il-projbizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex adegwata sabiex jintlaħaq l-għan segwit u jekk tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop.

60 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi evalwata l-osservanza minn Stat Membru tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-qasam tas-saħħa pubblika, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost l-għanijiet u l-interessi protetti mit-Trattat FUE u li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu f'liema livell huma beħsiebhom jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-mod kif dan il-livell għandu jintlaħaq. Peress li dan il-livell jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, għandu jiġi rrikonoxxut li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung, C-148/15, EU:C:2016:776, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61 Fl-istess ħin, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-miżuri nazzjonali intiżi li

jipproteġuha, is-saħħa pubblika tirrikjedi viġilanza partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, Nasiopoulos, C-575/11, EU:C:2013:430, punt 27).

62 Fid-dawl tar-riskju għas-saħħa tal-pazjent li huwa inerenti fl-attivitajiet kollha msemmija fil-punt 57 ta' din is-sentenza, fid-dawl tal-importanza tal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika kif ukoll fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni, imfakkar fil-punt 60 ta' din is-sentenza, li għandhom l-Istati Membri fl-implementazzjoni ta' dan l-għan, għandu jiġi kkonstatat li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 26 sa 30 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-rekwiżit li tabib dentist ikun intermedjarju obbligatorju huwa adegwat sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop.

63 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 49 TFUE, l-Artikolu 4(1) kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li l-attivitajiet ta' tekniku dentali għandhom jiġu eżerċitati b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist, sa fejn dan ir-rekwiżit japplika, konformement mal-imsemmija leġiżlazzjoni, fir-rigward ta' TDK li kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'dan l-ewwel Stat Membru.

**Fuq l-ispejjeż**

64 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 49 TFUE, l-Artikolu 4(1) kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki**

**Professjonali, kif emendata bid-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Novembru 2013, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li l-attivitajiet ta' tekniku dentali għandhom jiġu eżerċitati b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist, sa fejn dan ir-rekwiżit japplika, konformement mal-imsemmija leġiżlazzjoni, fir-rigward ta' tekniki dentali kliniki li kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'dan l-ewwel Stat Membru.'**

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi fl-ewwel lok ghandu jinghad illi l-eccezzjonijiet li jirreferu ghall-interess guridiku gew sorvolati b'referenza ghat-talbiet kollha tar-rikorrenti salv il-hames talba fejn gie dikjarat li ma hemmx interess guridiku da parti tal-intimati fir-rigward ta' din it-talba. Ghalhekk jirrizulta li wkoll il-hames talba giet sorvolata stante li giet michuda permezz tad-decizjoni preliminari ta'din il-Qorti diversament preseduta.

Illi dwar il-mertu li fadal, il-Qorti tinnota li ghalkemm fit-talbiet tar-rikorrenti hija ma gietx mitluba tiddikjara jekk il-professjoni ta' Tekniku Dentali taqax taht l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/36/EC, kwezit li tista' tghid huwa l-bazi tal-procedura odjerna, dan fil-fatt tqajjem fir-referenza li saret lill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea. Dwar dan il-punt id-decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea ma thalli l-ebda dubju fejn tiddikjara kif isegwi:

'l-professjoni ta' tekniku dentali tikkostitwixxi, f'Malta, professjoni rregolata fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) ta' din id-direttiva.' (paragrafu 37).

A bazi ta' dan ir-rikorrenti jsostnu li allura l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku ghandha wkoll tigi inkluza fil-ligi Maltija u specifikatament fit-Tielet Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Sahha (Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta) alrimenti dan in-nuqqas huwa bi ksur tad-Direttiva 2005/36/EC. Ir-rikorrenti jsostnu li la darba uhud mill-pajjizi tal-Unjoni Ewropea u anki pajjizi barra l-Unjoni jirrikonoxxu l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku, l-awtoritajiet Maltin ma' ghandhom l-ebda raguni valida sabiex jibqghu jinsistu sabiex ma jirrikonoxxux din il-professjoni. Ir-rikorrenti anzi ssostni li f'Malta r-resistenza sabiex din il-professjoni tigi rikonoxxuta gejja da parti tad-Dentisti li jridu jzommu l-kontroll taghhom fuq is-settur.

Illi rrizulta lil din il-Qorti li d-differenza bazika bejn Tekniku Dentali (rikonoxxut fil-ligi Maltija) u Tekniku Dentali Kliniku (sal-lum mhux rikonoxxut fil-ligi Maltija) huwa li Tekniku Dentali ma jistax jara nies direttament hu izda xoghlu jsir b'kollaborazzjoni u fuq struzzjonijiet tad-Dentist. Min-naha l-ohra Tekniku Dentali Kliniku, fejn rikonoxxut, jista' jara l-pazjenti hu direttament minghajr il-bzonn tal-intervent tad-Dentist u jista' jipprovdi hu direttament dentiera shiha lill-pazjent minghajr ebda supervizjoni ta' Dentist. Mill-atti l-Qorti fehmet li l-iskop ahhari tal-Assocjazzjoni rikorrenti huwa li apparti li jigu rikonoxxuti t-Tekniki Dentali Kliniki barranin f'Malta, f'kaz li dawn jigu rikonoxxuti, din tiftah opportunitajiet ukoll ghad-Teknici Dentali Maltin li jkunu jistghu jipprogressaw fil-karriera taghhom billi jaspiraw li wkoll igibu l-kwalifiki ta' Tekniku Dentali Kliniku u jkunu jistghu jaghtu s-servizz taghhom separatament mid-Dentisti

(ara partikolarment ix-xhieda ta' John Salomone Reynaud a fol. 678 tal-process).

L-intimati da parti taghhom isostnu li l-istess Direttiva tal-Unjoni Ewropea in kontestazzjoni flimkien mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdu eccezzjonijiet u jaghtu diskrezzjoni lill-Istat sabiex ma tigix applikata d-direttiva f'kaz li r-rikonoxximent ta' certu professjonijiet bhal f'dan il-kaz it-Tekniku Dentali Kliniku ma jkunx meqjus fl-ahjar interess tas-sahha pubblika.

Il-Qorti rat li l-Qorti ta' Gustizzja Ewropea fid-decizjoni taghha ghamlet ukoll referenza ampja dwar dan il-punt. Fil-fatt il-Qorti rat li quddiem dik il-Qorti tressqu bosta sottomissjonijiet kemm mill-Awtoritajiet Maltin kif ukoll diversi ohra minn Stati Membri fejn gew elenkati r-ragunijiet meqjusa ta' nteress ta' sahha pubblika li jiggustifikaw li l-professjoni ta' Tekniku Dentali Kliniku ma tigix rikonoxxuta.

Jirrizulta lil din il-Qorti li l-Qorti ta' Gustizzja Ewropea dderigiet li l-professjoni ta' tekniku dentali hija suggetta ghas-sistema generali ta' rikonoxximent ta' provi ta' kwalifika prevista fil-Kapitolu I, Artikoli 10 sa 14 tad-Direttiva. A bazi ta' dan idderigiet ukoll li sabiex wiehed jivverifika u jirrikonoxxi l-professjoni ghandu jara jekk il-kwalifiki ta' Tekniku Dentali u Tekniku Dentali Kliniku humiex l-istess, f'liema kaz allura dan ghandu jigi rikonnoxxut mill-Istat Malti. Fil-fatt il-Qorti ta' Gustizzja Ewropea rrikonoxxiet, u dan irrizulta wkoll mill-atti, li l-Istat Malti mhux jopponi u jawtorizza li Tekniki Dentali Kliniki jigu rikonoxxut taht il-kappa ta' Tekniku Dentali, b'dan li sa dan il-punt iz-zewg professjonijiet

qed jinghataw l-istess trattament u rikonoxximent mill-Istat Malti. Dan izda jfisser li Tekniku Dentali Kliniku izda f'Malta jista' biss jezercita' l-professjoni tieghu in kollobarazzjoni u taht is-superivizjoni ta' Dentist u ma jistax jaqdi pazjenti direttament hu, l-istess bhal Tekniku Dentali.

Fil-fatt jirrizulta li l-Qorti tal-Gustizzja Ewropea dahlet ukoll f'analizi tar-rekwizit li Tekniki Dentali f'Malta huma mehtiega li jezercitaw b'kollaborazzjoni ma' Dentist u mhumiex awtorizzati jahdmu f'kuntatt dirett mal-pazjenti minghajr mad-Dentist ikun intermedjarju bejniethom. Dik il-Qorti sostniet li jirrizulta li l-kundizzjonijiet tal-professjoni ta' Tekniku Dentali u Tekniku Dentali Kliniku mhumiex armonizzati permezz tad-Direttiva 2005/36. Issostni ghalhekk li huwa l-Istat Membru ospitanti li ghandu jiddetermina l-kundizzjonijiet ta' professjoni regolata fl-Istat izda b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Ta' rilevanza u importanza hija d-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropea li allura Tekniku Dentali Kliniku ma jistax jinvoka d-Direttiva 2005/35 sabiex joggezzjona ghar-rekwizit li Tekniku Dentali f'Malta neccessarjament irid jahdem b'kollaborazzjoni ma' Dentist u ma jistax jahdem direttament hu fuq il-pazjent. Izzid ukoll li l-Artikolu 4f tad-Direttiva 2005/36 ma huwiex applikabbli stante li r-rikorrenti mhux qed jitolbu fil-kawza odjerna li jigu rikonoxxuti parzjalment fil-professjoni ta' Tabib Dentist.

Il-Qorti tal-Gustizzja Ewropea tkompli billi ssostni li ghandu jigi stabilit li l-Istat Membru qed jagixxi in konformita'mat-Trattat tal-Fondazzjoni tal-Unjoni Ewropea (FUE), inkluz il-punt in kontestazzjoni f'dan ir-rikors, b'osservanza tal-libertajiet fundamentali ggarantiti fl-istess Trattat. Il-Qorti tal-Gustizzija

Ewropea tirrikonoxxi li d-dritt tal-Unjoni ma jippregudikax il-kompetenza tal-Istati Membri li jaddottaw mizuri jew disposizzjonijiet intizi sabiex jorganizzaw is-servizzi tas-sahha mandanakollu dan ghandu jkun in osservanza tal-liberta' ta' stabbiliment tac-cittadini tal-UE inkluz li ma jistghux jinkludu restrizzjonijiet li mhumiex gustifikati fil-qasam tal-kura tas-sahha li jilledu din il-liberta`. Il-Qorti Ewropea tirrikonoxxi li r-restrizzjoni mposta mill-Istat Malti taghmilha anqas attraenti sabiex it-Tekniku Dentali Kliniku jahdem f'Malta u ghalhekk apparentement tidher li tirrestringi l-ezercizzju tal-liberta' ta' stabbiliment.

Dik il-Qorti pprosegwiet sabiex tiddikjara li izda dan id-dritt jista' jigi limitat ghal ragunijiet imperattivi ta' interess generali sakemm il-mizura tkun meqjusa adegwata sabiex jintlahaq l-ghan. Direttament dwar il-kaz odjern ddikjarat kif isegwi:

'57Fil-kawża prinċipali, ir-rekwiżit tal-imsemmi intermedjarju obbligatorju huwa bbażat fuq il-premessa li huma biss il-persuni li jkunu segwew it-taħriġ ta' tabib dentist imsemmi fl-Artikolu 34 tad-Direttiva 2005/36, u li jkollhom il-prova ta' kwalifika formali bażika ta' tabib dentist, li huma suffiċjentement ikkwalifikati sabiex jeżerċitaw l-attivitajiet, elenkati fl-Artikolu 36(3) ta' din id-direttiva, ta' prevenzjoni, ta' djanjosi u ta' trattament tal-anomaliji u tal-mard tas-snien, tal-ħalq, tax-xedaq u tat-tessuti assoċjati.

58F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-parteċipazzjoni obbligatorja ta' tabib dentist fit-trattament ta' pazjent li lilu jipprovdi s-servizzi tiegħu ta' tekniku dentali hija maħsuba sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-saħħa pubblika, li hija raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.

59Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk il-projbizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex adegwata sabiex jintlaħaq l-għan segwit u jekk tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop.

60Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi evalwata l-osservanza minn Stat Membru tal-prinċipju ta' proporzjonalità fil-qasam tas-saħħa pubblika, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li s-saħħa u l-ħajja tal-persuni jokkupaw l-ewwel post fost l-għanijiet u l-interessi protetti mit-Trattat FUE u li huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu f'liema livell huma beħsiebhom jiżguraw il-protezzjoni tas-saħħa pubblika u l-mod kif dan il-livell għandu jintlaħaq. Peress li dan il-livell jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, għandu jiġi rrikonoxxut li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2016, Deutsche Parkinson Vereinigung, C-148/15, EU:C:2016:776, punt 30 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

61Fl-istess ħin, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-miżuri nazzjonali intiżi li jipproteġuha, is-saħħa pubblika tirrikjedi viġilanza partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ġunju 2013, Nasiopoulos, C-575/11, EU:C:2013:430, punt 27).

62Fid-dawl tar-riskju għas-saħħa tal-pazjent li huwa inerenti fl-attivitajiet kollha msemmija fil-punt 57 ta' din is-sentenza, fid-dawl tal-importanza tal-għan tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika kif ukoll fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni, imfakkar fil-punt 60 ta' din is-sentenza, li għandhom l-Istati Membri fl-implementazzjoni ta' dan l-għan, għandu jiġi kkonstatat li, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punti 26 sa 30 tal-konklużjonijiet

tiegħu, ir-rekwiżit li tabib dentist ikun intermedjarju obbligatorju huwa adegwat sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan u ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ għal dan l-iskop.

63Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula hija li l-Artikolu 49 TFUE, l-Artikolu 4(1) kif ukoll l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li l-attivitajiet ta' tekniku dentali għandhom jiġu eżerċitati b'kollaborazzjoni ma' tabib dentist, sa fejn dan ir-rekwiżit japplika, konformement mal-imsemmija leġiżlazzjoni, fir-rigward ta' TDK li kisbu l-kwalifiki professjonali tagħhom fi Stat Membru ieħor u li jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni tagħhom f'dan l-ewwel Stat Membru.'

Illi mis-suespost jirrizulta li l-Qorti tal-Gustizzja Ewropea dahlet fl-ezami tal-propozjonalita' bejn ir-rekwisit impost fl-Istat Malti li Tekniku Dentali jew Tekniku Dentali Kliniku jezercita' taht is-supervizjoni ta' Tabib Dentist u mhux wahdu u ddikjarat li fil-materja ta' sahha pubblika, applikati l-principji enuncjati fil-gurisprudenza taghha li l-pazjent ghandu jiehu l-ewwel interess fil-materja ta' sahha u li dan is-settur jehtieg vigilanza partikolari fuqu stante li hija l-hajja tal-pazjent li qed tigi salvagwardjata, allura dan ir-rekwisit gie meqjus bhla adegwat minn dik il-Qorti. Dan dejjem sakemm ma ssir l-ebda distinzjoni ohra bejn it-Tekniku Dentali u Tekniku Dentali Kliniku.

Illi din il-Qorti osservat mill-analizi tax-xiehda voluminuza li tressqet quddiemha li filwaqt li da parti taghha l-Assocjazzjoni

rikorrenti ma ressqet l-ebda prova konklussiva, sal-grad rikjest mil-ligi, li b'xi mod huma d-dentisti f'Malta li qed iwaqqfu r-rikonoxximent tad-Tekniki Dentali Kliniki ghal xi skopijiet egoistici taghhom, min-naha l-ohra tressqu bosta xhieda professjonisti li spjegaw fid-dettall ir-ragunijiet ta' sahha pubblika wara d-decizjoni li Tekniki Dentali Kliniki ma jigux rikonoxxuti f'Malta. Il-Qorti taghmel referenza ampja ghax-xiehda b'mod partikolari tal-Professur Charmaine Gauci suesposta kemm in ezami kif ukoll in kontro-ezami fejn emfasizzat ghal diversi drabi li ma tqisx li huwa fl-ahjar interess tal-pazjenti li dawn ikollhom kuntatt dirett mat-Tekniki Dentali Kliniki b'eskluzjoni tad-Dentist. Spjegat li l-pajjiz ghandu numru adegwat ta' Dentisti sabiex jaqdi r-rikjesta fil-pajjiz u ghalhekk ma hemmx lok li ssir xi eccezzjoni sabiex il-pubbliku jkun moqdi ahjar. Tispjega wkoll li l-fatt li pazjent imur ghand Dentist jista' jwassal sabiex jigu identifikati certu patologiji fil-pazjent mill-bidu filwaqt li dan ma jsehhx f'kaz li pazjent imur ghand Tekniku Dentali Kliniku ghaliex mhux mghallem jirrikonoxxi l-istess. Spjegat ukoll li r-riskji lill-pazjent f'kaz li dan imur direttament ghand Tekniku Dentali Kliniku jesorbitaw se mai il-beneficcju li wiehed jinqeda direttament u ghalhekk mhux gustifikat li jigu rikonoxxuti ghal din ir-raguni. Tispecifika li fejn ma hemmx il-htiega allura:

'bis-sahha tal-persuna ma tistax tiehu riskji.' (xhieda a fol. 519 et seq)

Il-Qorti rat ukoll ix-xiehda tal-Professur Nicolai Attard, Dekan tal-fakulta' tad-Dentistrija li ssahhah ix-xiehda tal-istess Professur Gauci. Zied ukoll li ghalkemm f'pajjizi ohra jista' jkun li l-bzonnijiet tas-socjeta' jkunu jirrikjedu li l-professjoni ta' Teknici

Dentali Klinici tigi rikonoxxuta, bhal per ezempju fil-Kanada gharraguni li huwa pajjiz kbir u ghalhekk mhux daqshekk facli li persuna tilhaq Dentist, din il-problema certament ma tirrizultax f'Malta u ghalhekk ma hemmx dan il-bzonn. Huwa anzi jenfasizza fuq il-fatt li l-Fakulta' tad-Dentristrija f'dawn l-ahhar snin qed tenfasizza fuq taghlim bhala Tim bejn id-Dentist u t-tekniki nkluz id-Dentist Tekniku sabiex dan tal-ahhar anki jkun jista' jara kif xoghlu finalment jispicca f'halq il-pazjent.

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ampja ghax-xiehda ta' Dr Pauline Vassallo a fol. 521 et seq tal-process fejn hija tispjega r-riskji li jista' jkun hemm meta pazjent ma jkunx gie invistat minn Dentist qabel ma ssir il-procedura tad-dentatura fosthom li jkun hemm trawmi li ma jigux identifikati u temfasizza li la darba hemm l-ghazla l-pajjiz huwa 'going for the best option' cioe' li dawn il-proceduri jsiru biss fuq preskrizzjoni tad-Dentist dejjem sabiex tigi salvgwardjata s-sahha tal-pazjent.

Din il-Qorti ghalhekk in vista ta' dak suespost u in vista ta' dak dikjarat mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea taqbel mal-konkluzjoni tal-istess Qorti li l-mizuri addottati fir-rigward tat-Tekniki Dentali Kliniki u cioe' li dawn huma rikjesti li jirregistraw u huma rikonoxxuti biss bhala Tekniki Dentali, bir-rizultat li f'Malta jistghu jahdmu biss b'kollaborazzjoni ma' Tabib Dentist u ma jistghux jahdmu direttament mal-pazjent, hija proporzjonata fic-cirkustanzi tal-pajjiz fl-ahjar interess tas-sahha tal-pazjent fejn ma ghandhomx jittiehdu riskji la darba ma hemmx il-bzonn, u ghalhekk mhux bi ksur tad-Dritt Ewropew. In oltre, mill-atti ma jirrizultax li l-Istat Malti jew l-intimati b'xi mod qed jiddistingwu bejn it-Tekniku Dentali jew it-Tekniku Dentali Kliniku stante li

hareg ampju li t-Tekniku Dentali Kliniku meta japplika jinghata l-opportunita' li jigi rikonoxxut bhala Tekniku Dentali u la darba registrat jista' jiprattika ezattament bl-istess mod li jipprattikaw Tekniki Dentali fil-pajjiz.

**It-Talbiet:**

Illi l-Qorti f'dan l-istadju u in vista tas-suespost u b'osservanza ta' dak suespost ser tghaddi sabiex tevalwa t-talbiet tar-rikorrenti li ghadhom mhux decizi sal-lum.

Illi fl-ewwel talba din il-Qorti hija mitluba sabiex tordna lill-intimati sabiex jiehdu l-azzjoni mehtiega biex 'Clinical Dental Technologists' maghrufa wkoll bhala 'Denturists' jinghataw gharfien mill-awtoritajiet tas-sahha f'Malta. Irrizulta mis-suespost li l-intimati, kif ukoll l-Istat Malti, rnexxielhom jiggustifikaw ir-rifjut taghhom li jirrikonoxxu t-Tekniki Dentali Kliniki bhala professjoni separati minn dik ta' Teknici Dentali gia rikonoxxuti f'Malta ghar-raguni li mhux disposti li jiehdu riskji bla bzonn fuq is-sahha tal-persuna. Dan gie kkonfermat mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati f'dan ir-rigward u tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

Jirrizulta lil din il-Qorti li t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti huma konsegwenzali ghall-ewwel talba u la darba jirrizulta li l-ewwel talba mhix gustifikata l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti.

Ir-raba′ talba tar-rikorrenti titlob li din il-Qorti tiddikjara li Tekniki Dentali Kliniki mhumiex necessarjament obbligati li jipprovdu s-servizzi taghhom biss wara li kaz jigi riferit lilhom minn dentist. Kif suespost, irrizulta lil din il-Qorti li l-Istat Malti jimponi li Tekniki Dentali jezercitaw biss taht is-supervizjoni u b′kollaborazzjoni ma′ Tabib Dentist. Din l-imposizzjoni giet rikonoxxuta bhala gustifikata kemm mill-Qorti tal-Gustizzja Ewropea kif ukoll minn din il-Qorti u dan fuq bazi ta′ proporzjonalita′ fl-interess tas-sahha pubblika. Segwa wkoll li l-Istat Malti huwa gustifikat li jirrikonoxxi lit-Tekniki Dentali Kliniki bhala Tekniki Dentali u mhux kategorija ghalihom b′dana li allura tapplika ghalihom ukoll ir-restrizzjoni li jistghu jahdmu biss b′kollaborazzjoni u taht is-supervizjoni ta′ Mediku Dentist. Jirrizulta ghalhekk li din ir-raba′ talba tar-rikorrenti wkoll mhix legalment u fattwalment gustifikata u l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Il-hames talba tirrizulta gia′ deciza f′sentenza precedenti fejn giet michuda in vista li din il-Qorti diversament preseduta ddikjarat in-nuqqas ta′ nteress guridiku tal-intimati f′dan ir-rigward.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta′ u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tghaddi sabiex tilqa′ r-risposti tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma′ dak hawn deciz, tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

In vista tal-komplessita` tal-materja in kwistjoni li wasslet sabiex anki kellha ssir referenza lill-Qorti ta′ Gustizzja Ewropea, l-Qorti

tqis li l-ispejjez li ghadhom mhux decizi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Mejju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2022**